SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-vireg li jirrinfurzaw il-konkrit – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 CA, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Deċiżjoni meħuda wara l-annullament ta' deċiżjonijiet preċedenti – Żamma ta' seduta ġdida fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Rekwiżit ta' imparzjalità – Terminu raġonevoli – Obbligu ta' motivazzjoni – Proporzjonalità – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Eċċezzjoni ta' illegalità – Ċirkustanzi aggravanti – Reċidiva – Ċirkustanzi attenwanti – Ugwaljanza fit-trattament"

Fil-Kawża C-31/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2023,

Ferriere Nord SpA, stabbilita f'Osoppo (l-Italja), irrappreżentata minn B. Comparini, G. Donà u W. Viscardini, avvocati,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Conte, P. Rossi u C. Sjödin, bħala aġenti, assistiti minn M. Moretto, avvocato,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn E. Ambrosini u O. Segnana, bħala aġenti,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, P. G. Xuereb (Relatur) u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Ferriere Nord SpA titlob, prinċipalment, l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Novembru 2022, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-667/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:692), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4969 final tal-4 ta' Lulju 2019 dwar ksur tal-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ AT.37956 – Vireg li jirrinforzaw il-konkrit) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), sa fejn din tikkonċernaha. Sussidjarjament, din l-impriża titlob, minn naħa, l-annullament tas-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet it-talba sussidjarja tagħha intiża għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, għall-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni kif ukoll għat-tnaqqis tal-multa imposta fuqha.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003

2 L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102] [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), intitolat "Is-sejba u t-temm tal-ksur", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn il-Kummissjoni, taggixxi fuq ilment jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, issib li hemm ksur ta' l-Artikolu [101] jew ta' l-Artikolu 102 [KE] tat-Trattat, tista' b'deċiżjoni tirrikjedi l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża konċernata li itemm dan il-ksur. Għal dan il-għan, tista' timponi fuqhom kwalunkwe rimedju komportamentali jew strutturali li huma proporzjonali għall-ksur kommess u neċessarju biex iġib fit-temm dan il-ksur. Rimedji strutturali jistgħu jiġu imposti biss jekk ma jkunx hemm rimedju ta' komportamentali li hu effettiv ugwalment jew jekk ir-rimedju komportamentali li hu effettiv ugwalment ikun ta' aktar piż għal l-impriża kunċernata min rimedju strutturali. Jekk il-Kummissjoni għandha interessi legitimi li tagħmel hekk, hi tista issib li kien hemm xi ksur li sar fil-passat."

3 L-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kumitat ta' Konsulenza [Kumitat Konsultattiv]", jipprevedi:

"1. Il-Kummissjoni ħa tikkonsulta lil Kumitat ta' Konsulenza fuq Prattiċi Restrittivi u Posizjonijiet Dominanti qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni taħt l-Artikoli 7, 8, 9, 10, 23, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 29(1).

2. Għad-diskusjonijiet ta' kazijiet individwali, il-Kumitat ta' Konsulenza ħa jiġi kompost min rappreżentanti ta' l-awtoritajiet tal-Kompetizzjoni ta' Stati Membri […]

[…]

5. Il-Kummissjoni ħa tieħu l-akbar ħsieb tal-opinjoni mwassla mil-Kumitat Konsultativ. Hi tinforma lil Kumitat tal-manjiera li bija l-opinjoni ġiet meqjusa.

[…]"

4 Skont l-Artikolu 23(2)(a) tal-istess regolament, il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, timponi multi fuq l-impriżi u fuq l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi meta, jew b'intenzjoni jew b'negliġenza, huma jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101 jew 102 KE.

5 L-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, intitolat "Preskrizzjoni għall-imposizzjoni tal-pieni", jistabbilixxi li:

"1. Il-poteri konferuti fuq il-Kummissjoni mil-Artikolu 23 u 24 ħa jkun suġġett għal perjodi ta' preskrizzjoni li ġejjin:

(a) tlett snin fil-każ ta' ksur ta' disposizzjonijiet li jikkonċernaw it-talba ta' informazzjoni jew il-kondotta ta' spezzjonijiet;

(b) ħames snin fil-każ ta' kwalunkwe ksur ieħor.

2. It-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha sar il-ksur. Madankollu, fil-każ li l-ksur ikun kontinwu jew ripetut, il-ħin jibda jiddekorri mill-ġurnata ta' meta il-ksur intemm.

3. Kwalunkwe azzjoni meħuda mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri għall-għan ta' l-investigazzjonijiet jew proċeduri b'rispett ta' ksur tinterrompi t-terminu tal-preskrizzjoni għall-imposizzjoni ta' multi jew perjodu ta' pagamenti tal-pieni. L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tapplika b'effet mid-data li fiha l-azzjoni ġiet notifikata lil mill-anqas waħda mil-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' l-impriża li pparteċipaw fil-ksur. Azzjonijiet li jinterrompu l-preskrizzjoni ser jinkludu b'mod partikolari dawn li ġejjin:

(a) talba bil-miktub għal informazzjoni mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(b) awtorizzazzjoni bil-miktub biex jagħmlu xi spezzjonijiet maħruġa lill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(ċ) il-bidu tal-proċeduri mil-Kummissjoni jew mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru;

(d) notifika tad-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni jew ta' l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' l-Istat Membru.

4. L-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ser tapplika għall-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur.

5. Il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid wara kull interruzzjoni. Madankollu, il-perjodu tal-preskrizzjoni jagħlaq ma l-aħħar ġurnata li jkun ugwali għad-dopju tal-perjodu tal-preskrizzjoni jkun għadda mingħajr ma l-Kummissjoni ma tkun imponiet xi multa jew

pagamenti ta' pieni perjodiċi. Dak il-perjodu għandu jiġi mtawwal mal-perjodu li fih il-preskrizzjoni tkun sospiża skond tl-paragrafu 6.

6. Il-limitu tal-preskrizzjoni applikabbli għall-imposizzjoni ta' multi jew ħlas ta' penali ser jiġi sospiż sa kemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja."

6 L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003, intitolat "Seduta tal-partijiet, l-ilmenti u oħrajn", jipprevedi:

"1. Qabel ma jiġu meħuda d-deċiżjonijiet kif previsti mil-Artikoli 7, 8, 23 u l-Artikolu 24(2), il-Kummissjoni ħa tagħti l-impriża u l-assoċjazzjoni ta' l-impriża li huma suġġetti għal proċeduri kondotti mil-Kummissjoni l-opportunità li jiġu msemma' fuq matterji li l-Kummissjoni kellha oġġezzjoni fuqhom. Il-Kummissjoni ħa tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq l-oġġezzjonijiet li l-partijiet konċernati kienu kapaċi jikkummentaw fuqhom. L-ilmenti ħa jkunu assoċjati mil-viċin mal-proċeduri.

2. Id-dritt tad-difiża tal-partijiet konċernati ħa jkunu rispettati kompletament fil-proċeduri. […]

3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidrah neċessarju, hi tista' ukoll tisma lil persuni oħra naturali jew legali. Applikazzjonijiet li jridu jiġu msemma fuq parti tal-persuna ħa, fejn juru interess suffiċjenti, jiġu mogħtija. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri tista' ukoll tistaqsi lill-Kummissjoni li tisma lil persuni oħra naturali jew legali.

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 773/2004

7 L-Artikolu 11, intitolat "Dritt ta' smigħ" tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 101), kif emdendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008 tat-30 ta' Ġunju 2008 (ĠU 2008, L 171, p. 3) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 773/2004") jipprevedi:

"1. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lilhom tindirizza dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet l-opportunità li jinstemgħu qabel ma tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv li jirreferi għalih l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

2. Il-Kummissjoni għandha, fid-deċiżjonijiet tagħha, tittratta biss oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 ikunu setgħu jikkummentaw."

8 L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 773/2004 jipprevedi:

"1. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lilhom tkun indirizzat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta orali, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet miktuba tagħhom.

2. Madankollu, meta jippreżentaw is-sottomissjonijiet għar-riżolviment tagħhom, il-partijiet għandhom jikkonfermaw lill-Kummissjoni li jinħtieġu biss li jingħataw l-opportunità biex

jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta orali jekk id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ma' tikkonfermax il-kontenut tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom għal riżolviment."

9 L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, intitolat "Smigħ (seduta) ta' persuni oħra", jipprevedi:

"1. Jekk persuni naturali u legali barra minn dawk li jirreferi għalihom l-Artikoli 5 u 11 japplikaw biex jinstemgħu u juru interess suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tgħarrafhom bil-miktub bin-natura tas-suġġett tal-proċedura u għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih huma jistgħu jagħtu tagħrif dwar il-veduti tagħhom bil-miktub.

2. Il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, tistieden il-persuni li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 biex jiżviluppaw l-argumenti tagħhom fis-smigħ orali (seduta) tal-partijiet li lilhom dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet kienet indirizzata, jekk il-persuni li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 jitolbu dan fil-kummenti miktuba tagħhom.

3. Il-Kummissjoni tista' tistieden kull persuna oħra biex tesprimi l-veduti tagħha bil-miktub u tattendi għas-smigħ orali (seduta) tal-partijiet li lilhom dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet kienet indirizzata. Il-Kummissjoni tista' wkoll tistieden persuni tali biex jesprimu l-veduti tagħhom f'dak is-smigħ orali (seduta)."

10 L-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, intitolat "Tmexxija tas-smigħ orali (seduta)", huwa fformulat kif ġej:

"1. Is-smigħ (seduti) għandu jitmexxa minn Uffiċjal tas-Smigħ f'indipendenza sħiħa.

2. Il-Kummissjoni għandha tistieden il-persuni li għandhom jinstemgħu biex jattendu s-smigħ orali (seduta) f'data tali kif tiddetermina.

3. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri biex jipparteċipaw fis-smigħ orali (seduta). Tista' wkoll tistieden uffiċjali u impjegati ċivili ta' awtoritajiet oħra ta' l-Istati Membri.

[…]"

L-Avviż tal-2011

11 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-aħjar prattiki għat-tmexxija tal-proċedimenti li jikkonċernaw l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE (ĠU 2011, C 308, p. 6) (iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-2011"), kif jirriżulta mill-punt 1 tagħha, għandha bħala għan prinċipali li tipprovdi gwida prattika dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE.

12 Il-punt 6 ta' dan l-avviż jipprevedi li din kienet applikabbli, mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha, "għall-każijiet pendenti u għal dawk futuri". Fir-rigward tal-kawżi pendenti, din kienet tapplika, skont in-nota ta' qiegħ il-paġna 16 tal-imsemmi avviż, "[f]ir-rigward ta' każijiet li jkunu pendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument".

13 Skont il-punti 84, 86 u 109 ta' dan ir-regolament:

"84. Id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet se tindika b'mod ċar jekk il-Kummissjoni għandhiex il-ħsieb li timponi multi fuq l-impriżi, f'każ li l-oġġezzjonijiet jintlaqgħu […]. Fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni se tindika l-fatti essenzjali u l-materji tal-liġi li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' multa, bħat-tul u l-gravità tal-ksur u li l-ksur twettaq intenzjonalment jew b'negliġenza. Id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet se ssemmi wkoll b'mod preċiż biżżejjed li ċerti fatti jistgħu jagħtu lok għal ċirkostanzi aggravanti u, safejn ikun possibbli, għal ċirkostanzi attenwanti.

[…]

86. F'każ li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li fid-deċiżjoni finali tagħha titbiegħed mill-elementi fattwali jew legali stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet għall-iżvantaġġ ta' xi waħda jew aktar mill-partijiet, jew inkella f'każ li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tieħu kont ta' xi evidenza inkriminanti addizzjonali, il-parti jew il-partijiet ikkonċernati dejjem se jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar dan b'mod xieraq.

[…]

109. Jekk, wara li tkun inħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet, tiġi identifikata evidenza ġdida li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tibbaża fuqha jew jekk il-Kummissjoni jkollha ħsieb li tbiddel il-valutazzjoni legali tagħha għall-iżvantaġġ tal-impriżi kkonċernati, l-impriżi inkwistjoni għandhom jingħataw opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq dawn l-aspetti ġodda."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

14 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 31 tas-sentenza appellata:

"1. Ir-rikorrenti, Ferriere Nord SpA, hija kumpannija rregolata mid-dritt Taljan li ilha minn April 1992 attiva fis-settur tal-vireg li jirrinfurzaw il-konkrit."

A. L-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni (2002)

2. Minn Ottubru sa Diċembru 2000, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet, konformement mal-Artikolu 47 FA, verifiki f'impriżi Taljani li jipproduċu vireg li jirrinfurzaw il-konkrit, fosthom ir-rikorrenti, u f'assoċjazzjoni ta' impriżi, il-Federazione Imprese Siderurgiche Italiane [(il-Federazzjoni tal-Impriżi tal-Azzar Taljani) (iktar 'il quddiem il-'Federazzjoni')]. Hija bagħtitilhom ukoll talbiet għal informazzjoni, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

3. Fis-26 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni fetħet proċedura skont l-Artikolu 65 FA u fformulat oġġezzjonijiet skont l-Artikolu 36 FA (iktar 'il quddiem id-'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet') li ġew innotifikati b'mod partikolari lir-rikorrenti. Din tal-aħħar wieġbet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-31 ta' Mejju 2002.

4. Fit-13 ta' Ġunju 2002 inżammet seduta għas-smigħ tal-partijiet fil-proċedura amministrattiva.

5. Fit-12 ta' Awwissu 2002, il-Kummissjoni indirizzat, lill-istess destinatarji, oġġezzjonijiet addizzjonali (iktar 'il quddiem id-'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali"), abbażi tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17 tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3). Fiha hija spjegat il-pożizzjoni tagħha dwar it-tkomplija tal-proċedura wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, fit-23 ta' Lulju 2002. Ir-rikorrenti wieġbet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali fl-20 ta' Settembru 2002.

6. Fit-30 ta' Settembru 2002 inżammet seduta ġdida għas-smigħ tal-partijiet fil-proċedura amministrattiva, fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri. Din is-seduta ta' smigħ kienet tikkonċerna s-suġġett tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, jiġifieri l-konsegwenzi legali tal-iskadenza tat-Trattat KEFA fuq it-tkomplija tal-proċedura.

7. Fi tmiem il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2002) 5087 final tas-17 ta' Diċembru 2002 dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (COMP/37.956 – Vireg li jirrinfurzaw il-konkrit) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-2002"), indirizzata lill-[Federazzjoni] u lil tmien impriżi, fosthom ir-rikorrenti. F'din id-deċiżjoni hija kkonstatat li dawn tal-aħħar kienu, bejn Diċembru 1989 u Lulju 2000, implimentaw akkordju uniku, kumpless u kontinwu fis-suq Taljan tal-vireg li jirrinfurzaw il-konkrit fi strixxi jew f'rombli (iktar 'il quddiem il-"vireg li jirrinfurzaw il-konkrit") li kellu bħala għan jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet u l-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, bi ksur tal-Artikolu 65(1) FA.

8. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur, il-Kummissjoni rrilevat li din kienet testendi mill-1 ta' April 1993 sal-4 ta' Lulju 2000. Hija għalhekk imponiet fuq ir-rikorrenti multa fl-ammont ta' EUR 3.57 miljuni. Dan l-ammont kien jinkludi tnaqqis ta' 20 % tal-multa favur ir-rikorrenti, b'applikazzjoni tal-paragrafu 1 tal-punt D tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem l-'Avviż dwar il-kooperazzjoni'), li jipprevedi l-possibbiltà li l-impriżi li jikkooperaw billi jipprovdu lill-Kummissjoni, qabel ma tintbagħat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, informazzjoni, dokumenti jew provi oħra li jikkontribwixxu sabiex tiġi kkonfermata l-eżistenza tal-ksur imwettaq jibbenefikaw minn tnaqqis tal-multa li kien ikollhom iħallsu.

9. Fl-10 ta' Marzu 2003, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-Deċiżjoni tal-2002. Il-Qorti Ġenerali annullat l-imsemmija deċiżjoni fir-rigward tar-rikorrenti (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, T-94/94, […], EU:T:2007:320) u tal-impriżi destinatarji l-oħra, għar-raġuni li l-bażi legali użata, jiġifieri l-Artikolu 65(4) u (5) FA, ma kinitx għadha fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni ma kellhiex kompetenza, abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 65(1) FA wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA. Il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-aspetti l-oħra ta' din id-deċiżjoni.

10. Id-Deċiżjoni tal-2002 saret definittiva fir-rigward tal-[Federazzjoni], li ma ppreżentatx rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

B. It-tieni deċiżjoni tal-Kummissjoni (2009)

11. Permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti u lill-impriżi kkonċernati l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni ġdida filwaqt li tikkoreġi l-bażi legali użata. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li l-imsemmija kienet ser tkun ibbażata fuq il-provi prodotti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali. Fuq stedina tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub fl-1 ta' Awwissu 2008.

12. Permezz ta' faks mibgħuta fl-24 ta' Lulju u fil-25 ta' Settembru 2008, u mbagħad fit-13 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju u fis-27 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni talbet lir-rikorrenti informazzjoni dwar l-istruttura tal-azzjonisti tagħha u dwar is-sitwazzjoni patrimonjali tal-impriża. Ir-rikorrenti wieġbet għal dawn it-talbiet għal informazzjoni, rispettivament, permezz ta' ittri elettroniċi tal-1 ta' Awwissu u tal-1 ta' Ottubru 2008, u mbagħad tat-18 ta' Marzu, tal-1 ta' Lulju u tat-8 ta' Settembru 2009.

13. Fit-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2009) 7492 final tas-17 ta' Diċembru 2002 dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (COMP/37.956 – Vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), indirizzata lill-istess impriżi bħad-deċiżjoni tal-2002, fosthom ir-rikorrenti. Din id-deċiżjoni ġiet adottata fuq il-bażi tar-regoli proċedurali tat-Trattat KE u tar-[Regolament Nru 1/2003]. Hija kienet ibbażata fuq l-elementi msemmija fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali u kienet tirriproduċi, essenzjalment, il-kontenut u l-konklużjonijiet tad-Deċiżjoni tal-2002. B'mod partikolari, l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, ta' EUR 3.57 miljuni, baqa' l-istess.

14. Fit-8 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni emendatorja, li kienet tinkludi, fl-anness tagħha, it-tabelli li juru l-varjazzjonijiet fil-prezz li kienu tħallew barra mid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Settembru 2009 u li kienet tikkoreġi r-riferimenti nnumerati għall-imsemmija tabelli fi tmien noti ta' qiegħ il-paġna.

15. Fid-19 ta' Frar 2010, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2009, kif emendata (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-2009"). Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għal EUR 3.42144 miljuni, għar-raġuni li din tal-aħħar ma kinitx ipparteċipat, matul perijodu ta' tliet snin, fil-parti tal-akkordju dwar il-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, u ċaħdet il-kumplament tar-rikors (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, T-90/10, […], EU:T:2014:1035). Il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-2009 fir-rigward ta' destinatarju ieħor tagħha, naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq destinatarju ieħor tagħha u ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati l-oħra.

16. Fl-20 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti ppreżentat appell mis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, […], EU:T:2014:1035). Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat l-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-Deċiżjoni tal-2009 fir-rigward, b'mod partikolari, tar-rikorrenti.

17. Fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta deċiżjoni tkun adottata abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, il-proċedura li twassal għal din id-deċiżjoni għandha tkun konformi mar-regoli proċedurali previsti f'dan ir-regolament kif ukoll fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċedura [proċeduri] mill-Kummissjoni skond l-[Artikoli 101 u 773 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81), anki jekk din il-proċedura tkun bdiet qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

18. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'dan il-każ, is-seduta ta' smigħ tat-13 ta' Ġunju 2002, l-unika seduta ta' smigħ li kienet tikkonċerna l-mertu tal-proċedura, ma setgħetx titqies li kienet konformi mar-rekwiżiti proċedurali relatati mal-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, fl-assenza tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri.

19. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2009, li torganizza seduta ta' smigħ ġdida minħabba li l-impriżi kien diġà kellhom il-possibbiltà li jinstemgħu oralment matul is-seduti ta' smigħ li nżammu fit-13 ta' Ġunju u fit-30 ta' Settembru 2002.

20. Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-importanza taż-żamma, fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, ta' seduta ta' smigħ li għaliha jkunu mistiedna l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, peress li l-ommissjoni tagħha tikkostitwixxi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.

21. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li dan id-dritt previst speċifikament fir-Regolament Nru 773/2004 ma kienx ġie rrispettat, ma kienx meħtieġ li l-impriża li d-dritt tagħha nkiser b'dan il-mod turi li dan il-ksur seta' kellu influwenza, għad-detriment tagħha, fuq l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kontenzjuża.

22. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ukoll sentenzi oħra tal-Qorti Ġenerali adottati fid-9 ta' Diċembru 2014 dwar il-legalità tad-Deċiżjoni tal-2009, kif ukoll din id-deċiżjoni, fir-rigward ta' erba' impriżi oħra, għall-istess raġunijiet. Għall-kuntrarju, id-Deċiżjoni tal-2009 saret definittiva għall-impriżi destinatarji li ma ppreżentawx appell mill-imsemmija sentenzi.

C. It-tielet deċiżjoni tal-Kummissjoni (2019)

23. Permezz ta' ittra tal-15 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li tkompli l-proċedura amministrattiva u li torganizza, f'dan il-kuntest, seduta ġdida għas-smigħ tal-partijiet fl-imsemmija proċedura fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri.

24. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Frar 2018, ir-rikorrenti ppreżentat osservazzjonijiet li fihom ikkontestat is-setgħa tal-Kummissjoni li tkompli l-proċedura amministrattiva u b'hekk stiednet lil din tal-aħħar sabiex ma tkomplix din il-proċedura.

25. Fit-23 ta' April 2018, il-Kummissjoni żammet seduta ta' smigħ ġdida dwar il-mertu tal-proċedura, li fiha pparteċipaw, fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-uffiċjal tas-seduta, ir-rikorrenti kif ukoll tliet impriżi oħra destinatarji tad-Deċiżjoni tal-2009.

26. Permezz ta' ittri tad-19 ta' Novembru 2018 kif ukoll tas-17 ta' Jannar u tas-6 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni bagħtet tliet talbiet għal informazzjoni lir-rikorrenti dwar l-istruttura tal-azzjonisti tagħha u dwar is-sitwazzjoni patrimonjali tagħha. Ir-rikorrenti wieġbet għal dawn it-talbiet għal informazzjoni, rispettivament, permezz ta' ittri tal-10 ta' Diċembru 2018 kif ukoll tal-31 ta' Jannar u tad-9 ta' Mejju 2019.

27. Fil-21 ta' Ġunju 2019, ir-rikorrenti pparteċipat f'laqgħa mad-dipartimenti tal-Kummissjoni, li matulha dawn tal-aħħar indikaw li kienu ddeċidew li jipproponu lill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' sanzjoni, iżda li, fid-dawl taż-żmien oġġettivament estiż li kien għadda, huma kienu ser jipproponu l-applikazzjoni ta' ċirkustanza attenwanti straordinarja.

28. Fl-4 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2019) 4969 final, dwar proċediment skont l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ AT.37956 – Vireg li jirrinforzaw il-konkrit) (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni kkontestata'), indirizzata lil ħames impriżi li fir-rigward tagħhom id-Deċiżjoni tal-2009 kienet ġiet annullata, jiġifieri, minbarra r-rikorrenti, Alfa Acciai SpA, Feralpi Holding SpA (li qabel kienet Feralpi Siderurgica SpA et Federalpi Siderurgica SRL), Partecipazioni Industriali SpA (li qabel kienet Riva Acciaio SpA u sussegwentement Riva Fire SpA, iktar 'il quddiem 'Riva'), kif ukoll Valsabbia Investimenti SpA u Ferriera Valsabbia SpA.

29. Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat l-istess ksur bħal dak li kien is-suġġett tad-Deċiżjoni tal-2009, filwaqt li naqqset il-multi imposti fuq l-impriżi destinatarji b'50 % minħabba t-tul tal-proċedura. Barra minn hekk, ir-rikorrenti bbenefikat minn tnaqqis addizzjonali ta' 6 % tal-multa minħabba li ma kinitx ipparteċipat fil-parti tal-akkordju dwar il-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ matul perijodu partikolari. Permezz tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, hija għalhekk imponiet fuq ir-rikorrenti multa fl-ammont ta' EUR 2.237 miljuni.

30. Fit-8 ta' Lulju 2019, kopja inkompleta tad-deċiżjoni kkontestata, li kienet tinkludi biss il-paġni bil-fard, ġiet innotifikata lir-rikorrenti, fatt li din tal-aħħar indikat lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tad-9 ta' Lulju 2019.

31. Verżjoni sħiħa tad-deċiżjoni [kontenzjuża] ġiet innotifikata lir-rikorrenti fit-18 ta' Lulju 2019."

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Settembru 2019, ir-rikorrenti ppreżentat rikors intiż prinċipalment għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn tikkonċernaha, u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuqha.

16 Insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellanti essenzjalment qajmet sitt motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tar-regoli proċedurali waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018, it-tieni wieħed, fuq ir-rifjut allegatament illegali tal-Kummissjoni li tivverifika, qabel ma tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża, il-kompatibbiltà ta' din id-deċiżjoni mal-prinċipju ta' terminu raġonevoli tal-proċedura, it-tielet wieħed, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli tal-proċedura, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, fuq eċċess ta' poter u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-ħames, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, u s-sitt wieħed, fuq l-illegalità tas-sistema ta' preskrizzjoni prevista mill-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003.

17 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti sostniet, permezz tal-ewwel tnejn mill-ħames ilmenti mqajma fil-kuntest ta' dan il-motiv, li, l-ewwel nett, l-imparzjalità tal-Kumitat Konsultattiv prevista mir-Regolament Nru 1/2003 (iktar 'il quddiem il-"Kumitat Konsultattiv") kienet ikkontestata sa fejn l-attitudni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri li jifformaw dan il-kumitat setgħet tiġi influwenzata mill-fatt li dawn l-awtoritajiet kienu jafu bil-pożizzjoni adottata fil-kawża, minn naħa, mill-Kummissjoni, fid-deċiżjonijiet tagħha tal-2002 u tal-2009 u, min-naħa l-oħra, mill-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035), u, it-tieni nett, l-indipendenza tal-Kummissjoni kienet affettwata mill-fatt li, sostnuta minn din is-sentenza, din l-istituzzjoni ma kinitx iktar realment f'pożizzjoni li tilqa' opinjoni kuntrarja maħruġa minn rappreżentanti ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri sedenti fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv.

18 Permezz tat-tielet ilment tagħha mqajjem fil-kuntest tal-imsemmi motiv, ir-rikorrenti sostniet li l-Kummissjoni, minn naħa, kienet kisret diversi regoli dwar l-organizzazzjoni tas-smigħ u, min-naħa l-oħra, kienet wettqet żball meta naqset milli tistieden lill-Federazzjoni, Leali SpA u s-sussidjarja tagħha Acciaierie e Ferriere Leali Luigi SpA (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Leali"), Lucchini SpA, Riva, Industrie Riunite Odolesi SpA (iktar 'il quddiem "IRO") u l-Associazione Nazionale Sagomatori Ferro (Assoċjazzjoni nazzjonali tal-impriżi ta' ffurmar tal-ħadid, iktar' il quddiem l-"Ansfer") fis-seduta tat-23 ta' April 2018, filwaqt li, peress li kellhom rwol importanti fil-proċess, dawn l-entitajiet setgħu jikkomunikaw lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri elementi li ppermettew lil dawn tal-aħħar li jistabbilixxu l-pożizzjoni tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti. Skont ir-rikorrenti, peress li ma setgħetx tibbenefika minn opinjoni mogħtija b'għarfien sħiħ tal-fatti minn dawn l-awtoritajiet, id-drittijiet tad-difiża tagħha inkisru.

19 Permezz tar-raba' lment tal-ewwel motiv, l-appellanti sostniet li kien impossibbli li jiġi rrimedjat in-nuqqas proċedurali kkritikat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Minħabba ż-żmien li għadda, il-bidliet li seħħew fl-identità tal-atturi u fl-istruttura tas-suq kienu tali, fil-fehma tagħhom, li ebda seduta ta' smigħ ma setgħet tiġi organizzata f'kundizzjonijiet identiċi jew, tal-inqas, ekwivalenti għal dawk li kienu jeżistu fl-2002.

20 Permezz tal-ħames ilment ta' dan il-motiv, l-appellanti sostniet, b'mod partikolari, li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Konsultattiv, li kienet tinkludi dikjarazzjoni ffirmata minn tmien awtoritajiet ta' kompetizzjoni tal-Istati Membri, li tgħid li s-seduta tat-23 ta' April 2018 kien irrimedja għall-iżball proċedurali kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), kienet ivvizzjata. Fil-fatt, tnejn minn dawn it-tmien awtoritajiet, inkluża l-awtorità tal-kompetizzjoni relatur, ma pparteċipawx f'din is-seduta.

21 Insostenn tat-talba sussidjarja tagħha intiża sabiex tikseb annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata u tnaqqis korrelattiv tal-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha, l-appellanti ressqet tliet motivi supplimentari bbażati, is-seba', fuq il-ksur tal-oneru tal-prova u tal-prinċipju *in dubio pro reo*, it-tmien, fuq l-illegalità taż-żieda tal-ammont tal-multa minħabba r-reċidiva u d-disa', fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament f'dak li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti u tan-natura tardiva tal-motivi li jiġġustifikaw l-għoti ta' tnaqqis limitat tal-multa.

22 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2020, il-President tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni, konformement mat-talba tagħha.

23 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

24 Fir-rigward tal-ewwel motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, l-ewwel nett, li l-argument tal-appellanti ma setax jistabbilixxi li l-imparzjalità kemm tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv kif ukoll tal-Kummissjoni ma kinitx iggarantita f'dan il-każ. It-tieni nett, billi ma stednitx ċerti impriżi u assoċjazzjonijiet għas-smigħ tat-23 ta' April 2018, il-Kummissjoni la kisret ir-regoli dwar l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ u lanqas id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti. It-tielet nett, it-tibdil tal-kuntest magħmul mid-dekorriment taż-żmien ma jaffettwax il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tkompli proċedura wara l-annullament ta' waħda mid-deċiżjonijiet tagħha permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali, sakemm din l-istituzzjoni tkun ivverifikat li t-tkomplija tal-proċedura kienet għadha tidher bħala soluzzjoni xierqa għas-sitwazzjoni, kif għamlet il-Kummissjoni f'dan il-każ. Ir-raba' nett, l-argument intiż sabiex juri li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Konsultattiv kienet ivvizzjata ma huwiex fondat.

25 F'dak li jirrigwarda t-tielet motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li la t-tul tal-fażijiet amministrattivi tal-proċedura mmexxija mill-Kummissjoni u lanqas it-tul totali ta' din il-proċedura ma kien eċċessiv u li, fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li t-tul tal-proċedura jista' jitqies li jmur kontra l-prinċipju ta' terminu raġonevoli, ebda ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha li jirriżulta minn dan it-tul ma kien ġie stabbilit mill-appellanti.

26 Fir-rigward tar-raba' motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, l-ewwel nett, il-Kummissjoni kienet spjegat b'mod suffiċjenti r-raġunijiet li wassluha sabiex tadotta deċiżjoni ġdida minkejja ż-żewġ annullamenti li seħħew fil-passat, it-tieni nett, il-multa imposta fuq l-appellanti fid-deċiżjoni kontenzjuża kellha dejjem effett dissważiv, peress li l-multi imposti fid-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 kienu ġew irrimborsati wara l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet, it-tielet nett, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-appellanti kienet għadha ma ġietx issanzjonata għall-ksur inkwistjoni, fid-dawl taż-żewġ annullamenti li saru, ir-raba' nett, it-tkomplija tal-proċedura u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida setgħu jiffaċilitaw il-kompitu ta' terzi li xtaqu jressqu azzjoni għall-kumpens, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li Stati Membri oħra minbarra l-Italja setgħu jkunu kkonċernati u li l-applikazzjoni ta' drittijiet nazzjonali differenti minn dawk tal-Italja ma setgħetx tiġi eskluża mill-Kummissjoni, u, il-ħames nett, il-prinċipju ta' proporzjonalità ma kienx inkiser.

27 F'dak li jirrigwarda l-ħames motiv fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx inkiser, peress li, fid-data tas-sentenza appellata, ebda deċiżjoni ma kienet iddeċidiet b'mod definittiv fuq il-mertu tal-kawża fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-ksur li kienet akkużata bih.

28 Fir-rigward tas-sitt motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-eċċezzjoni ta' illegalità li tirrigwarda l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 li kienet tinkludi kellha tiġi miċħuda. Ir-rikorrenti ma wrietx li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien qabeż, fil-konċiljazzjoni li huwa għamel bejn l-għanijiet li kellu jieħu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward, il-il-marġni li għandu jiġi rrikonoxxut lilu f'dan il-kuntest. Fil-fatt, billi jipprevedi terminu ta' preskrizzjoni sabiex jiġi ssanzjonat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ta' ħames snin u, meta dan it-terminu jiġi interrott, ta' għaxar snin, jiġi impost limitu strett fuq l-azzjoni tal-Kummissjoni *ratione temporis*. Fir-rigward

tal-fatt li, skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003, il-preskrizzjoni hija sospiża matul il-proċeduri ta' rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li dawn huma sitwazzjonijiet li fihom in-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni ma huwiex il-konsegwenza ta' nuqqas ta' diliġenza min-naħa ta' din l-istituzzjoni.

29 Fir-rigward tat-tmien motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, l-ewwel nett, iż-żieda tal-multa imposta fuq l-appellanti minħabba r-reċidiva kienet suffiċjentement prevedibbli għal din tal-aħħar u għalhekk ma kinitx tikser id-drittijiet tad-difiża tagħha, it-tieni nett, it-terminu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi deċiż jekk tali żieda kellhiex tiġi imposta ma kienx eċċessivament twil, u, it-tielet nett, iż-żieda ta' 50 % applikata f'dan il-każ minħabba r-reċidiva ma kinitx eċċessiva.

30 Fir-rigward tad-disa' motiv tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, l-ewwel nett, id-differenza bejn ir-rati ta' tnaqqis mogħtija lill-appellanti u lil impriża oħra, minħabba l-assenza ta' parteċipazzjoni ta' dawn l-impriżi f'parti speċifika tal-akkordju msemmi fid-deċiżjoni kontenzjuża, kienet iġġustifikata, u, it-tieni nett, li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet l-informazzjoni relatata miegħu b'mod tardiv.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet it-talba sussidjarja tagħha intiża għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża, tannulla parzjalment din id-deċiżjoni u tnaqqas il-multa imposta fuqha;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

32 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-apellanti għall-ispejjeż.

33 Il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż tal-appell.

Fuq l-appell

34 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem tmien aggravji.

Fuq l-ewwel aggravju

35 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li huwa maqsum f'erba' partijiet, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża, naqset milli teżamina l-provi, wettqet żnaturament manifest tal-fatti u tal-provi, kisret l-obbligu tagħha li timmotiva s-sentenzi tagħha u wettqet evalwazzjonijiet arbitrarji.

Fuq it-tielet parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

36 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, fil-punti 158 sa 162 tas-sentenza appellata, li, minkejja l-bidliet li seħħew fl-identità tal-atturi u fl-istruttura tas-suq, il-Kummissjoni setgħet tirrimedja n-nuqqas proċedurali kkritikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716) billi organizzat is-seduta tat-23 ta' April 2018. Hija tikkontesta l-motivi esposti fil-punti 159 u 160 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, minħabba l-mogħdija taż-żmien, ebda seduta ma setgħaet tiġi organizzata f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk li kienu jipprevalu matul l-2002. Skont l-appellanti, l-illegalità kkonstatata mis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716) hija irrimedjabbli mhux minħabba l-bidliet li seħħew matul iż-żmien, iżda minħabba l-kompetizzjoni illegali ta' din l-istituzzjoni għat-twettiq ta' din l-illegalità.

37 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-argument huwa ġdid u, konsegwentement, inammissibbli. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument ma huwiex fondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

38 B'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li parti tiġi awtorizzata tqajjem aggravji jew argumenti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali ikun ifisser li tkun qed tiġi awtorizzata tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha kompetenza limitata fil-qasam tal-appell, kawża iżjed estensiva minn dik li tkun tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant limitata għall-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-motivi u tal-argumenti li jkunu ġew diskussi quddiemha (sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Euranimi vs Il-Kummissjoni, C-95/23 P, EU:C:2024:177, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Fil-punt 158 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-ilment tal-appellanti, li kien impossibbli li jiġi rrimedjat in-nuqqas proċedurali kkritikat mill-Qorti tal-Ġustizzja, kien ibbażat fuq il-konstatazzjoni li, minħabba ż-żmien li għadda, il-bidliet li seħħew fl-identità tal-atturi u fl-istruttura tas-suq kienu tali li l-ebda seduta ma setgħet tiġi organizzata f'kundizzjonijiet identiċi jew, tal-inqas, ekwivalenti għal dawk li kienu jipprevalu matul l-2002.

40 Din id-deskrizzjoni tal-ilment tal-ewwel istanza ma ġietx ikkontestata mill-appellanti fl-appell tagħha. Issa, għandu jiġi kkonstatat li mill-imsemmija deskrizzjoni ma jirriżultax li, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti sostniet li l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni rrendew irrimedjabbli d-difett proċedurali kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716).

41 Ċertament, fil-kontroreplika tagħha, l-appellanti tindika li, fil-punti 62, 82, 97, 127, 133, 136, 167, 182 u 205 tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza, enfasizzat li l-effett ikkombinat tal-iżbalji tal-Kummissjoni u tat-tul mhux normali tal-proċedura kien jirrendi impossibbli li jiġi rrimedjat id-difett proċedurali kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, minn ebda wieħed minn dawn il-punti ma jirriżulta li l-appellanti kienet sostniet, quddiem il-Qorti Ġenerali, li ma kienx it-tibdil li seħħ matul iż-żmien li kien irrenda irrimedjabbli d-difett proċedurali kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), iżda l-għajnuna żbaljata tal-Kummissjoni għat-twettiq ta' din l-illegalità.

42 Minn dan isegwi li peress li l-argument taħt it-tielet parti tal-ewwel aggravju tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

43 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 64 sa 78 tas-sentenza appellata, iddeċidiet b'mod żbaljat li, waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 u l-adozzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, kemm il-Kummissjoni kif ukoll ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, kienu jissodisfaw ir-rekwiżit ta' imparzjalità.

44 Fl-ewwel lok, fil-fehma tar-rikorrenti, dawn l-awtoritajiet ma setgħux jadottaw pożizzjonijiet differenti minn dawk li kienu diġà jinsabu fid-deċiżjoni tal-2009 u li kienu ġew ikkonfermati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035) kif ukoll f'seba' sentenzi oħra mogħtija matul l-2014 dwar ir-rikorsi ppreżentati minn destinatarji oħra tad-deċiżjoni tal-2009 kontra din id-deċiżjoni (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, is "sentenzi tal-2014"), li wħud minnhom kienu saru definittivi.

45 Fit-tieni lok, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li r-rekwiżit ta' imparzjalità ġie osservat fir-rigward tal-Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (l-AGCM) (l-Awtorità li Tiggarantixxi l-Kompetizzjoni u tas-Suq, l-Italja), hija żbaljata u tirriżulta minn żnaturament manifest, jew saħansitra mill-ommissjoni pura u sempliċi tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi.

46 Il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-AGCM kienet taf bid-deċiżjoni tal-2009 u tas-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035). Madankollu, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li din l-awtorità kienet ibbażat ruħha, kif jipproduċu l-prova diversi dokumenti ppreżentati lill-Qorti Ġenerali, fuq din id-deċiżjoni u fuq din is-sentenza meta ssanzjonat, fl-2017, akkordju li jikkonċerna l-istess impriżi u l-istess tip ta' aġir bħal dak imsemmi fl-imsemmija deċiżjoni (iktar

'il quddiem id-"deċiżjoni tal-AGCM tal-2017"). Ir-rikorrenti tenfasizza li ż-żewġ persuni li kienu jirrappreżentaw l-AGCM fis-seduta tat-23 ta' April 2018 kellhom rwol determinanti fil-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017.

47 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, iż-żewġ premessi li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fil-punt 75 tas-sentenza appellata huma żbaljati. Minn naħa, il-fatt li l-akkordju msemmi fid-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017 kien differenti minn dak previst mid-deċiżjoni kontenzjuża, huwa irrilevanti. Min-naħa l-oħra, il-premessa li d-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017 ma setgħetx tinfluwenza din l-awtorità, peress li din id-deċiżjoni kienet ġiet annullata minn qorti Taljana, hija wkoll żbaljata. Fil-fatt, dan l-annullament seħħ wara s-seduta tat-23 ta' April 2018, peress li jirriżulta minn sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018 tat-Tribunale amministrativo regionale del Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja). F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti tqis li l-AGCM kellha interess, waqt din is-seduta, li tikkonferma l-ilmenti tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, meta, fis-27 ta' Ġunju u fl-1 ta' Lulju 2019, l-AGCM tat l-opinjoni tagħha fil-kuntest tal-Kumitat Konsultattiv, l-appell li hija kienet ippreżentat kontra din is-sentenza kien għadu pendenti.

48 Fit-tielet lok, wara s-sentenzi tal-2014, il-Kummissjoni ma kellha ebda raġuni sabiex tħalli lilha nnifisha influwenzata minn opinjoni kuntrarja eventwali tal-Kumitat Konsultattiv.

49 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar l-argumenti tagħha bbażati fuq il-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li jinsabu fil-punti 123 sa 127 tar-rikors fl-ewwel istanza. Peress li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat, fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035), li l-appellanti kienet ipparteċipat fl-akkordju msemmi fid-deċiżjoni kontenzjuża, ħaġa li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri ma setgħux jinjoraw, la waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 u lanqas waqt l-interventi sussegwenti tagħhom fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv.

50 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-argument huwa inammissibbli, għaliex huwa parzjalment impreċiż wisq u parzjalment ġdid. Fi kwalunkwe huwa infondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

51 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, għandu jitfakkar, minn naħa, li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż il-punti kkritikati tas-sentenza li tagħha jkun qiegħed jintalab l-annullament kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat (sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, Foz vs Il-Kunsill, C-524/22 P, EU:C:2024:23, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 B'hekk, l-elementi tal-appell li ma jinkludu ebda argument intiż speċifikament sabiex jidentifika l-iżball ta' liġi li bih hija vvizzjata s-sentenza appellata ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit u għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, YG vs Il-Kummissjoni, C-818/21 P, EU:C:2023:511, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Minn naħa, appellant jista' jippreżenta appell billi jinvoka, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji u argumenti li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha u li huma intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, BEI y Il-Kummissjoni vs ClientEarth, C-212/21 P u C-223/21 P, EU:C:2023:546, punt 96 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

54 F'dan il-każ, għalkemm l-appellanti, ssemmi, fit-titolu tal-ewwel aggravju, u fir-rigward tas-seduta tat-23 ta' April 2018 u l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), hija ma tispjegax ir-raġunijiet li għalihom dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jsostnu lment ibbażat fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv u tal-Kummissjoni, kuntrarjament għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 51 ta' din is-sentenza. Minn dan isegwi li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli sa fejn hija bbażata fuq il-ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

55 Min-naħa l-oħra, l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta u fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") huwa spjegat b'mod suffiċjentement ċar sabiex jinftiehem li l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar parti mir-rikors tagħha fl-ewwel istanza. Dan l-ilment huwa għaldaqstant ammissibbli.

56 Barra minn hekk, l-appellanti sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017, ir-rappreżentanti tal-AGCM li pparteċipaw fis-seduta tat-23 ta' April 2018 u fix-xogħol tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża ma setgħux jitqiesu li huma oġġettivi u imparzjali. Issa, mill-punt 75 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-allegazzjoni minħabba li d-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017 ġiet sussegwentement annullata permezz ta' sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018 tat-Tribunale amministrativo regionale del Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio). Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 53 ta' din is-sentenza, l-appellanti hija ammissibbli, fil-kuntest tal-appell tagħha, li tikkontesta din l-evalwazzjoni, billi ssostni li d-data ta' din is-sentenza kienet rilevanti.

57 Fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali, qabelxejn, fakkret, fil-punti 64 sa 66 tas-sentenza appellata, li peress li s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035) ġiet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja, din ma baqgħetx teżisti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Sussegwentement, hija ddeċidiet, fil-punti 71 u 72 tas-sentenza appellata, li "l-għarfien possibbli ta' soluzzjoni adottata preċedentement u, jekk ikun il-każ, ikkonfermata f'sentenza tal-Qorti Ġenerali sussegwentement annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell huwa inerenti għall-obbligu li jinsiltu l-konsegwenzi ta' annullament". Skont il-Qorti Ġenerali, li jitqies li dan l-għarfien jista' "jostakola, fih innifsu, it-tkomplija tal-proċedura" huwa inkompatibbli mal-Artikolu 266 TFUE li, fil-każ ta' annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, jimponi fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-organi tal-Unjoni l-obbligu li jieħdu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija fir-rigward tagħhom, mingħajr madankollu ma jeħilsuhom mill-missjoni li tiżgura, fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 73 ta' din is-sentenza, li, f'tali ċirkustanzi, it-tkomplija tal-proċedura tkun ipprojbita biss jekk, permezz ta' indizji konkreti, l-appellanti setgħet tistabbilixxi li l-imparzjalità tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni "kienet realment affettwata b'mod negattiv".

58 Din l-evalwazzjoni ma hi vvizzjata minn ebda żball ta' liġi.

59 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li d-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt, fost oħrajn, li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li jkun responsabbli għall-każ ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li din l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu (sentenza tal-1 ta' Frar 2024, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, C-251/22 P, EU:C:2024:103, punt 70 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dan il-każ, bl-eċċezzjoni tal-każ tal-AGCM, l-argument tar-rikorrenti jirrigwarda biss l-imparzjalità oġġettiva tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

61 Issa, anki jekk jitqies li r-rekwiżit ta' imparzjalità, kif jirriżulta mill-Artikolu 41 tal-Karta, japplika wkoll fir-rigward tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, meta jieħdu sehem f'seduta u meta jikkontribwixxu għall-opinjoni li għandha tingħata mill-Kumitat Konsultattiv dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, is-sempliċi għarfien, min-naħa ta' dawn ir-rappreżentanti, ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni, ikkonfermata f'sentenza tal-Qorti Ġenerali u sussegwentement annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex biżżejjed, fih innifsu u fl-assenza ta' kwalunkwe element oġġettiv ieħor, sabiex iqajjem dubju leġittimu, f'għajnejn terzi, dwar l-eżistenza ta' preġudizzju eventwali min-naħa tal-imsemmija rappreżentanti. Fil-fatt, il-membri tal-kumitat konsultattiv, meta jipparteċipaw f'seduta u jikkontribwixxu għat-tfassil tal-opinjoni ta' dan il-kumitat dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, ma humiex obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni tali deċiżjoni preċedenti. Għaldaqstant, is-sempliċi għarfien ta' tali deċiżjoni ma jistax, fih innifsu, iqajjem dubju leġittimu dwar l-eżistenza ta' preġudizzju eventwali min-naħa tal-membri tal-imsemmi kumitat.

62 L-istess japplika, *a fortiori*, għal dak li jirrigwarda l-Kummissjoni. Fil-fatt, l-argument tal-appellanti, li kieku kellu jintlaqa', ikollu l-konsegwenza li din l-istituzzjoni tiġi pprojbita milli tkompli l-proċedura wara l-annullament ta' deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali jew mill-Qorti tal-Ġustizzja, anki f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, u dan anki fl-assenza ta' indizji konkreti li jistgħu jagħtu lok għal dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tagħha. Kif irrilevat ġustament il-Qorti Ġenerali, tali projbizzjoni tkun inkompatibbli mal-Artikolu 266 TFUE li, fil-każ ta' annullament ta' att, jimponi fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-organi tal-Unjoni li jkunu ħarġu dan l-att l-obbligu li jieħdu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi mogħtija fir-rigward tagħhom, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà li jiġi adottat att ġdid, mingħajr difetti kkonstatati mill-qorti tal-Unjoni. Barra minn hekk, tali soluzzjoni tipprekludi lill-Kummissjoni milli teżegwixxi l-missjoni tagħha li tikkonsisti f'li tiżgura, fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

63 Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-AGCM, ir-rikorrenti ssostni li din l-awtorità bbażat ruħha fuq id-deċiżjoni tal-2009 u s-sentenzi tal-2014 meta adottat id-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017.

64 Issa, mill-provi invokati mir-rikorrenti f'dan ir-rigward jirriżulta li d-deċiżjoni tal-2009 u s-sentenzi tal-2014, għalkemm imsemmija fid-deċiżjoni tal-AGCM tal-2017 ma jikkostitwixxux wieħed mill-bażijiet ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, l-allegazzjonijiet tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' oġġettività jew ta' imparzjalità tal-AGCM ma kinux esposti b'mod ċar fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali la żnaturat il-fatti u l-provi, u lanqas naqset milli tiddeċiedi dwar l-argument tal-appellanti.

65 Fir-rigward tal-ilment li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar l-argument ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti sostniet, fl-ewwel istanza, li peress li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035), diġà kkonstatat il-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri ma kinux, waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 u tax-xogħol sussegwenti tal-Kumitat Konsultattiv, f'pożizzjoni li jippreżumu l-innoċenza tagħha. Dan l-ilment kien għalhekk konfuż mal-argument li permezz tiegħu r-rikorrenti sostniet b'mod iktar ġenerali li dawn l-awtoritajiet ma kellhomx imparzjalità. Issa, peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument kollu kemm hu, hija ma kinitx obbligata tiddeċiedi b'mod speċifiku fuq l-imsemmi lment. Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li r-rikorrenti ma kienet invokat ebda argument intiż sabiex tikkompleta b'mod speċifiku l-ilment tagħha dwar l-osservanza tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

66 Isegwi li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

67 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi ċaħdet, fil-punti 79 sa 157 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha bbażat fuq in-natura inkompleta tas-seduta tat-23 ta' April 2018, peress li l-Kummissjoni ma stednitx lil Riva, Leali, IRO, Lucchini, il-Federazzjoni u Ansfer, wettqet żbalji ta' liġi. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali rrispondiet b'mod żbaljat għall-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx, fir-rigward ta' din is-seduta, bi kwalunkwe mod differenti mill-ksur ta' regola li kienet imposta fuqha, ostakolat id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti.

68 Fl-ewwel lok, fir-rigward ta' Riva, l-appellanti ssostni li din l-impriża destinatarja tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet imġiegħla tirrinunzja milli tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018. Fil-fatt, minħabba ż-żmien li għadda wara l-fatti inkwistjoni, ebda wieħed mill-impjegati ta' Riva ma kien f'pożizzjoni li jikkontesta elementi utli għall-ilmenti tal-Kummissjoni. Ir-rikorrenti tenfasizza li ma hijiex l-assenza ta' Riva waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 li wasslet għall-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha iżda t-tul mhux normali tal-proċedura. Konsegwentement, dan it-tul eċċessivament twil ipprekluda lill-kumitat konsultattiv milli jisma' lil Riva u milli jikseb viżjoni kompleta tal-kuntest u tal-motivi ta' difiża relatati mal-akkordju li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tissanzjona.

69 Fit-tieni lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-impriżi u tal-assoċjazzjonijiet li, skont ir-rikorrenti, kellhom jiġu mistiedna għas-seduta tat-23 ta' April 2018 fil-kwalità tagħhom ta' terzi interessati, konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u mal-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament Nru 773/2004, l-appellanti ssostni, minn naħa, li l-Qorti

Ġenerali ċaħdet, fil-punt 102 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha dwar il-ksur tad-drittijiet tad-difiża li jirriżulta mill-assenza ta' Leali, ta' IRO u tal-Federazzjoni, billi bbażat ruħha fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

70 Min-naħa l-oħra, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, ikkunsidrat li l-Kummissjoni kienet qieset b'mod validu li Lucchini u l-Ansfer ma kellhomx il-kwalità ta' terz ikkonċernat.

71 L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar Lucchini hija arbitrarja, riġida u formalistika. Fil-fatt, hija ma tippermettix li jinftiehem għaliex it-talba ta' Lucchini intiża sabiex tiġi awtorizzata, bħala parti fil-proċedura, tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018 ma setgħetx tiġi interpretata fis-sens li din l-impriża xtaqet tiġi mistiedna bħala terz interessat.

72 Fir-rigward tal-kwalità ta' terz ikkonċernat tal-Ansfer, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod kontradittorju, żnaturat u evalwat il-fatti b'mod arbitrarju. F'dan ir-rigward tinvoka tliet argumenti.

73 L-ewwel nett, il-motivi stabbiliti fil-punti 126 sa 128 tas-sentenza appellata huma kontradittorji. Fil-fatt, wara li kkonstatat li huwa leġittimu li entità li l-kwalità tagħha ta' terz ikkonċernat ġiet irrikonoxxuta fi stadju preċedenti tal-proċedura żżomm din il-kwalità matul il-proċedura kollha, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, f'dan il-każ, l-Ansfer setgħetx iżżomm dan l-istatus.

74 It-tieni nett, billi kkunsidrat, fil-punt 129 tas-sentenza appellata, li "l-interess muri mill-Ansfer sabiex jipparteċipa fil-proċedura ma nżammx matul din tal-aħħar", il-Qorti Ġenerali żnaturat il-premessa 110 tad-deċiżjoni kontenzjuża li permezz tagħha l-Kummissjoni tat lill-Ansfer il-kwalità ta' terz ikkonċernat. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali llimitat, fil-punt 124 ta' din is-sentenza, il-portata tal-ilment tal-ewwel istanza għas-sitwazzjoni proċedurali tal-Ansfer matul l-2002.

75 Il-Qorti Ġenerali kisret ukoll l-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament Nru 773/2004, li jipprevedi li l-Kummissjoni hija obbligata tinforma lit-terzi interessati dwar in-natura u s-suġġett tal-proċedura u tistedinhom, jekk huma jagħmlu talba f'dan is-sens fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, sabiex jiżviluppaw l-argumenti tagħhom waqt is-seduta tal-partijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Issa, huwa paċifiku li l-Kummissjoni ma informatx lill-Ansfer dwar it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva f'Diċembru 2017 u lanqas ma stednitha tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018.

76 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU 2011, L 275, p. 29).

77 It-tielet nett, anki jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tikkunsidra li kien neċessarju li jiġi evalwat jekk l-Ansfer setgħetx iżżomm l-istatus tagħha ta' terz ikkonċernat, ir-raġunament li jinsab fil-punti 132 sa 135 tas-sentenza appellata, li abbażi tiegħu l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li dan ma kienx il-każ, u li kien ibbażat b'mod partikolari fuq ċerti fatti speċifiċi, la huwa loġiku u lanqas deċiżiv.

78 Fil-fatt, qabel kollox, skont ir-rikorrenti, l-Ansfer ma pparteċipatx fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2002, peress li din ma kinitx tikkonċerna l-mertu tal-kawża, iżda biss il-kwistjoni tal-konsegwenzi legali tal-iskadenza tat-Trattat KEFA. Il-fatt li din l-assoċjazzjoni ma tkellmitx matul is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002 huwa irrilevanti, fl-assenza ta' obbligu f'dan is-sens tal-parteċipanti. Sussegwentement, il-fatt li l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Ansfer ġew inklużi fil-proċess u sussegwentement riprodotti fl-abbozz tad-deċiżjoni kontenzjuża bl-ebda mod ma huwa deċiżiv, peress li mod ieħor lanqas ma huwa neċessarju li l-partijiet jiġu mistiedna għal seduta ġdida. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni, fil-punt 133 tas-sentenza appellata, li huwa fl-interess ta' amministrazzjoni tajba "li tiġi evitata multiplikazzjoni ta' intervenjenti", ma tistax tinftiehem, peress li l-entitajiet preżenti fis-seduta tat-23 ta' April 2018 kienu ftit.

79 Fi kwalunkwe każ, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti juru b'mod ċar in-natura arbitrarja tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, kif ivvalidata mill-Qorti Ġenerali.

80 Fit-tielet lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' terzi oħra, imsemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 773/2004, jiġifieri persuni li ma humiex id-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u t-terzi kkonċernati, bħal Leali, IRO u l-Federazzjoni, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret dawn id-dispożizzjonijiet.

81 L-istess għandu jingħad fir-rigward ta' Lucchini. Fil-fatt, peress li ċerti destinatarji tad-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 fil-frattemp ma baqgħux jeżistu wara li kienu fallew, oħrajn baqgħu barra mill-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, peress li ma kkontestawx id-deċiżjoni tal-2002 jew is-sentenzi tal-2014. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kienet obbligata tilqa' t-talba ta' Lucchini intiża għall-parteċipazzjoni fis-seduta tat-23 ta' April 2018. Ir-rifjut tal-Kummissjoni kiser id-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati mill-investigazzjoni, li ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jużaw favurihom ix-xhieda ta' Lucchini. Barra minn hekk, l-assenza ta' din l-impriża ppreġudikat il-prerogattivi tal-membri tal-Kumitat Konsultattiv li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri. B'hekk il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha fir-rigward ta' Lucchini b'mod arbitrarju, ħaġa li l-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonstata.

82 Għal raġunijiet analogi, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet obbligata tistieden lill-Ansfer tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018 bħala terzi oħra, peress li l-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod arbitrarju wkoll fir-rigward ta' din l-assoċjazzjoni.

83 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tal-appellanti huwa inammissibbli f'diversi aspetti. L-ewwel nett, dan l-argument huwa intiż, essenzjalment, sabiex jikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi prodotti fl-ewwel istanza. It-tieni nett, hija ma hija bbażata fuq ebda lment speċifiku iżda sempliċement tesprimi dubji. It-tielet nett, din hija ġenerali wisq u ma tirrigwarda speċifikament ebda żball ta' liġi. Ir-raba' nett, l-ilmenti, ibbażati fuq allegat eżerċizzju arbitrarju, mill-Kummissjoni, tas-setgħa diskrezzjonali tagħha huma ġodda. Fi kwalunkwe każ, l-ilmenti tal-appellanti huma infondati.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

84 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti tenfasizza li, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet inkwistjoni kinux intitolati li jipparteċipaw f'seduta qabel ma setgħet tiġi adottata d-deċiżjoni kkontestata, is-seduta fit-23 ta' April 2018, fil-preżenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri, ma kienx iħalli lil dawn tal-aħħar ikollhom

ħarsa sħiħa tal-kuntest u tal-mezzi ta' difiża relatati mal-akkordju li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tissanzjona, li kien jikser il-liġi tal-appellanti. Madankollu, mill-argument tagħha jirriżulta li r-rikorrenti ssostni wkoll li, billi ma stiednetx ċerti impriżi jew assoċjazzjonijiet biex jipparteċipaw f'din is-seduta, il-Kummissjoni kisret ir-regoli proċedurali relatati mas-seduti.

85 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tas-sitwazzjoni ta' Riva, l-appellanti ma tikkontestax il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 93 tas-sentenza appellata, li tgħid li din l-impriża ma talbitx li tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018. L-appellanti ma tipprovdi, kuntrarjament għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 52 ta' din is-sentenza, ebda argument intiż speċifikament sabiex jidentifika l-iżball ta' liġi li bih hija vvizzjata s-sentenza appellata. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli sa fejn din tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' Riva.

86 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, is-sitwazzjoni tal-impriżi u tal-assoċjazzjonijiet li jistgħu eventwalment jitqiesu bħala terzi interessati, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, għalkemm l-appellanti tikkontesta r-rilevanza tal-motiv espost fil-punt 102 tas-sentenza appellata, li jgħid li l-Kummissjoni, billi ma stednitx lil Leali, lil IRO u lil Federazzjoni sabiex jipparteċipaw fis-seduta tat-23 ta' April 2018 bħala terzi interessati, ma kisritx id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, din tal-aħħar ma tinvoka ebda żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

87 It-tieni nett, fir-rigward ta' Lucchini, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 103 tas-sentenza appellata, li, wara t-tkomplija tal-proċedura fi-15 ta' Diċembru 2017, din l-impriża kienet talbet lill-Kummissjoni l-awtorizzazzjoni sabiex tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018 mhux fil-kwalità ta' terz interessat, iżda bħala parti f'din il-proċedura, bl-istess mod, b'mod partikolari, bħall-appellanti. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta ċaħdet it-talba ta' Lucchini, u, min-naħa l-oħra, li din tal-aħħar ma kinitx sostniet, sussegwentement, li hija setgħet tiġi mistiedna għas-smigħ bħala terz ikkonċernat. Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 104 ta' din is-sentenza, iddeduċiet minn dawn il-konstatazzjonijiet li l-Kummissjoni, billi naqset milli tistieden lil Lucchini sabiex tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018, ma kinitx kisret regola proċedurali li seta' jkollha effett fuq l-eżerċizzju, mill-appellanti, tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

88 F'dan ir-rigward, l-appellanti ma tippreċiżax l-argumenti legali li abbażi tagħhom hija tikkritika dawn il-punti tas-sentenza appellata, iżda sempliċement titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid l-argumenti li hija kienet diġà ppreżentat lill-Qorti Ġenerali u twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti mingħajr ma tinvoka żnaturament.

89 Issa, konformement mal-Artikolu 256(1) TFUE u mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għall-kwistjonijiet ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. L-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u provi ma tikkostitwixxix għalhekk, mingħajr ħsara għall-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Euranimi vs Il-Kummissjoni, C-95/23 P, EU:C:2024:177, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Barra minn hekk, l-argument tal-appellanti li t-talba ta' Lucchini intiża sabiex tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018 bħala parti fil-proċedura kellha tiġi interpretata fis-sens li hija intiża wkoll, sussidjarjament, sabiex tipparteċipa f'din is-seduta bħala terz ikkonċernat tqajjem għall-ewwel darba fil-kuntest ta' dan l-appell.

91 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li Lucchini kellha tiġi mistiedna għas-seduta tat-23 ta' April 2018 bħala terz interessat għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 38 u 89 ta' din is-sentenza.

92 It-tielet nett, fir-rigward tal-Ansfer, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, elenkat ċerti fatti mhux ikkontestati mill-appellanti, jiġifieri, b'mod partikolari, li, fl-2002, l-Ansfer, wara li saret taf bil-ftuħ tal-proċedura mmexxija mill-Kummissjoni, kienet talbet li tiġi awtorizzata tipparteċipa fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002 bħala terz interessat; billi din it-talba ġiet aċċettata mill-Kummissjoni; li l-Ansfer kienet ippreżentat ruħha għall-imsemmija seduta, fejn, mingħajr ma tkellem ir-rappreżentant tagħha, hija kienet ippreżentat osservazzjonijiet bil-miktub, u li, fuq din il-bażi, l-Ansfer kienet ġiet mistiedna tipparteċipa fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2002, dwar il-konsegwenzi tal-iskadenza tat-Trattat KEFA iżda li hija ma kinitx irrispondiet għal din l-istedina u lanqas ma kienet ippreżentat ruħha waqt din is-seduta.

93 Huwa abbażi ta' dawn il-fatti li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 135 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li l-Ansfer kienet irrinunzjat milli tipparteċipa fil-proċedura jew, tal-inqas, ma xtaqitx tiżviluppa iktar l-argumenti tagħha waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018.

94 Ebda wieħed mit-tliet ilmenti invokati mill-appellanti kontra din l-evalwazzjoni, kif imsemmija fil-punti 73 sa 79 ta' din is-sentenza, ma jista' jintlaqa'.

95 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti permezz tal-ewwel ilment tagħha, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali espost fil-punti 126 sa 128 tas-sentenza appellata ma juri ebda kontradizzjoni. Fil-fatt, wara li kkonfermat, fil-punti 126 u 127 ta' din is-sentenza, il-prinċipju li entità li lilha ġie rrikonoxxut l-istatus ta' terz ikkonċernat iżżomm dan l-istatus matul il-proċedura kollha, anki jekk din ġiet interrotta minn proċeduri ġudizzjarji li taw lok għal sentenzi ta' annullament, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punt 128 tal-imsemmija sentenza, li kien hemm lok li jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tal-fatti tal-każ, kienx mod ieħor fil-każ tal-Ansfer.

96 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment tal-appellanti, ċertament, il-konstatazzjoni magħmula fil-punt 129 tas-sentenza appellata u miġbura fil-qosor fil-punt 74 ta' din is-sentenza, li tgħid li l-appellanti rrikonoxxiet li l-Ansfer ma kinitx żammet l-interess tagħha li tipparteċipa fil-proċedura matul it-tul kollu ta' din il-proċedura, ma tispjegax fil-qosor b'mod korrett l-argument tal-appellanti fl-ewwel istanza. Fil-fatt, din tal-aħħar sostniet li l-Ansfer kienet żammet dan l-istatus u, għaldaqstant, kellha tiġi mistiedna tipparteċipa fis-seduta tat-23 ta' April 2018.

97 Madankollu, mill-kuntest ta' din il-konstatazzjoni jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma żnaturatx is-sustanza tal-argument tal-appellanti. Fil-fatt, fil-punti 123 u 125 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-appellanti kienet sostniet li l-Ansfer kienet kisbet l-istatus ta' terz interessat u ma kinitx tilfitu matul il-proċedura.

98 Fil-punt 129 tas-sentenza appellata, il-frażi "mingħajr ma dan ġie kkontestat mir-rikorrenti", tista' tinftiehem bħala li tirreferi għall-fatti elenkati fil-punt 130 ta' din is-sentenza u miġbura fil-qosor fil-punt 92 ta' din is-sentenza. Issa, dawn il-fatti ma kinux effettivament ikkontestati mir-rikorrenti. L-iżball allegat mill-appellanti għalhekk jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata u ma huwiex ta' natura li jwassal għall-annullament tad-dispożittiv ta' din is-sentenza.

99 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 129 tas-sentenza appellata, żnaturat il-premessa 110 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Madankollu, dan l-argument jirriżulta minn qari żbaljat ta' din il-premessa. Fil-fatt, l-imsemmija premessa sempliċement tikkonstata li l-uffiċjal tas-seduta kien, f'ċertu mument, ikkunsidra li l-Ansfer kien terz interessat, iżda ma ddeċidiex dwar il-kwistjoni jekk din l-assoċjazzjoni, wara t-tkomplija tal-proċedura, kinitx iżżomm dan l-istatus b'mod partikolari fid-dawl tas-seduta tat-23 ta' April 2018.

100 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 124 tas-sentenza appellata, żnaturat l-argument tagħha fl-ewwel istanza billi naqqset il-portata tagħhom għas-sitwazzjoni proċedurali biss li kienet teżisti matul l-2002. Madankollu, fil-punt 125 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-appellanti kienet sostniet li l-istatus ta' terz ikkonċernat irrikonoxxut lill-Ansfer kellu jwassal lill-Kummissjoni sabiex tistieden lil din l-assoċjazzjoni għas-seduta tat-23 ta' April 2018. L-argument tal-appellanti għalhekk jistrieħ fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata.

101 F'dan il-kuntest, l-argument tal-appellanti ma jistax jinftiehem fis-sens li huwa intiż ukoll sabiex jikkontesta l-motivi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet ma tinformax lill-Ansfer dwar it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva f'Diċembru 2017. Fil-fatt, dawn il-motivi, li jinsabu fil-punti 108 sa 122 tas-sentenza appellata, ma humiex ikkritikati fl-appell, peress li l-appellanti sempliċement issostni li l-imsemmija motivi huma irrilevanti.

102 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-appellanti sempliċement affermat li l-Qorti Ġenerali kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) u (2) u tal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 2011/695 dwar l-uffiċjal tas-seduta, mingħajr madankollu ma indikat b'mod preċiż il-punti tas-sentenza appellata li hija kellha l-intenzjoni li tikkritika kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din il-kritika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

103 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 133 tas-sentenza appellata, li tgħid li kien fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, li tiġi evitata multiplikazzjoni ta' intervenjenti, ma hijiex nieqsa minn sens. Fil-fatt, mill-punt 134 ta' din is-sentenza jirriżulta li kien fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Ansfer kienet ġiet mistiedna tipparteċipa f'seduti matul l-2002 bħala terz interessat. Min-naħa l-oħra, mis-sentenza appellata ma jirriżultax li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq din l-evalwazzjoni sabiex tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta qieset li l-Ansfer kienet tilfet dan l-istatus sussegwentement.

104 Fir-rigward tat-tielet ilment, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta kkunsidrat li entità li ġiet irrikonoxxuta bħala terz ikkonċernat tista' sussegwentement titlef dan l-istatus, b'mod partikolari skont l-aġir tagħha.

105 L-appellanti, bl-iskuża li tinvoka żball ta' liġi, fir-realtà titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti msemmija fil-punt 92 ta' din is-sentenza, mingħajr ma tallega żnaturament tagħhom. Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 89 ta' din is-sentenza, tali argument għandu għalhekk jiġi miċħud bħala inammissibbli.

106 Barra minn hekk, billi tikkritika n-natura arbitrarja tal-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-Ansfer mill-Kummissjoni, l-appellanti tqajjem fil-kuntest ta' dan l-appell argument ġuridiku ġdid li għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud bħala inammissibbli, skont ir-regoli dwar il-proċedura ta' appell li tfakkru fil-punt 38 ta' din is-sentenza.

107 Fir-rigward, fit-tielet lok, tas-sitwazzjoni ta' terzi oħra, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi aċċettat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tistedinx, f'din il-kwalità, lil Leali, lil IRO, lil Lucchini, lill-Federazzjoni u lill-Ansfer għas-seduta tat-23 ta' April 2018, għamlet żball fl-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 773/2004.

108 Dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħhom, il-possibbiltà, u mhux l-obbligu, għall-Kummissjoni, minn naħa, li tisma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi minbarra l-persuni kkonċernati mill-proċedura u mit-terzi kkonċernati u, min-naħa l-oħra, li tistedinhom jesprimu l-perspettiva tagħhom bil-miktub u jattendu għas-smigħ tal-partijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Minn dan isegwi, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 149 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni sabiex tiddetermina jekk il-parteċipazzjoni ta' dawn it-terzi tistax tkun utli. Għaldaqstant, il-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet jista' jiġi kkonstatat biss jekk jiġi stabbilit li l-Kummissjoni kienet manifestament qabżet il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha.

109 Issa, ir-rikorrenti ma ssostnix li dan kien il-każ fir-rigward ta' Leali, ta' IRO u tal-Federazzjoni.

110 Ċertament, l-appellanti ssostni li l-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod arbitrarju fir-rigward ta' Lucchini u tal-Ansfer. Madankollu, peress li dan l-argument tqajjem għall-ewwel darba fil-kuntest ta' dan l-appell, dan għandu jitqies li huwa inammissibbli, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 38 ta' din is-sentenza.

111 L-appellanti ssotni wkoll li l-Qorti Ġenerali, meta naqset milli teżamina jekk il-Kummissjoni kinitx, bi kwalunkwe mod differenti mill-ksur ta' regola li kienet imposta fuqha, ostakolat id-drittijiet tad-difiża tagħha, wettqet żball ta' liġi. Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 156 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellanti "ma kinitx stabbilixxiet li kienet ġiet ostakolata fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha indipendentement mill-ksur ta' regola, minħabba l-assenza ta' impriża jew ta' terzi waqt is-seduta tat-[23 ta' April 2018]".

112 Tali ostakolu fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha lanqas ma ġie stabbilit mill-appellanti fl-appell tagħha.

113 Ċertament, il-preżenza ta' Leali, ta' IRO, ta' Lucchini, tal-Federazzjoni u tal-Ansfer f'din is-seduta setgħet tkun utli fis-sens li hija setgħet tipprovdi lill-Kumitat Konsultattiv viżjoni iktar kompleta tal-kuntest u tal-mezzi ta' difiża relatati mal-akkordju. Madankollu, din il-kunsiderazzjoni ipotetika ma hijiex biżżejjed sabiex turi l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti.

114 Isegwi li t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq ir-raba' parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

115 Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li, billi ddeċidiet, fil-punti 163 sa 195 tas-sentenza appellata, minn naħa, li ż-żewġ membri tal-Kumitat Konsultattiv li ma kinux ipparteċipaw fis-seduta tat-23 ta' April 2018 kellhom l-elementi neċessarji sabiex jiddeċiedu

b'għarfien sħiħ tal-fatti, anki mingħajr ir-reġistrazzjoni tas-seduta u, min-naħa l-oħra, li l-assenza, waqt is-seduta, tal-awtorità tal-kompetizzjoni relatur, ma kinitx tivvizzja l-opinjoni ta' dan il-kumitat, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

116 Fil-punt 185 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-ġurisprudenza, meta elementi ta' evalwazzjoni importanti u ġodda ma jkunux ġew ikkomunikati lill-Kumitat Konsultattiv, dan tal-aħħar għandu jitqies li ma ngħatax l-opportunità li jagħti l-opinjoni tiegħu b'għarfien sħiħ tal-fatti. Issa, skont l-appellanti, dan kien il-każ f'din il-kawża. L-appellanti ssostni li l-osservazzjonijiet orali tagħha waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 ġew riprodotti biss parzjalment fid-dokumenti mibgħuta lill-Kumitat Konsultattiv. B'hekk, waqt din is-seduta, hija indirizzat b'mod partikolari l-kwistjoni tas-sitwazzjoni kontemporanja tas-settur tal-azzar.

117 Billi naqset milli tipparaguna l-kontenut tal-Annessi A.7 u E.1 prodotti fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali b'hekk naqset milli teżamina provi jew, tal-inqas, żnaturat ċerti atti tal-proċess. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti tikkunsidra li, peress li ma kellux ir-reġistrazzjoni tas-seduta, il-Kumitat Konsultattiv ma kellux aċċess għal elementi ta' evalwazzjoni importanti u ġodda.

118 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-assenza, waqt is-seduta, tal-awtorità tal-kompetizzjoni relatur, l-appellanti tieħu nota tas-sentenza li fuqha bbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fil-punt 194 tas-sentenza appellata sabiex tiddeċiedi li l-preżenza ta' din l-awtorità fis-seduta ma kinitx meħtieġa, filwaqt li tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex "tiċċara" dan il-punt. Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, li fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri kienu rċevew kopja tal-proċess verbal tas-seduta, li ma kienx il-każ f'din il-kawża. Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza tal-awtorità tal-kompetizzjoni relatur fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv, ikun illoġiku li jiġi kkunsidrat li din l-awtorità tista' tikkonferma r-regolarità ta' seduta li hija ma pparteċipatx fiha.

119 Il-Kummissjoni tqis li l-argument tal-appellanti huwa inammissibbli u, f'kull każ, infondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

120 Fl-ewwel lok, l-appellanti tallega, essenzjalment, li hija ppreżentat oralment waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 elementi importanti u ġodda. Fl-assenza ta' żewġ membri tal-Kumitat Konsultattiv waqt din is-seduta u, peress li ma kellux reġistrazzjoni, dan il-kumitat ma tax l-opinjoni tiegħu b'għarfien sħiħ tal-fatti.

121 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 186 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, l-appellanti ma kinitx allegat li l-assenza ta' komunikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dan is-smigħ kienet ta' natura li tqarraq bil-Kumitat Konsultattiv fuq punti essenzjali u li hija ma kienet ipprovdiet ebda indikazzjoni dwar l-eżistenza ta' eventwali diverġenza bejn ir-risposti bil-miktub tagħha għad-dikjarazzjonijiet tal-oġġezzjonijiet, kif kienu ntbagħtu lill-kumitat, u l-osservazzjonijiet orali tagħha matul l-imsemmija seduta.

122 L-appellanti ma tikkontestax dan il-punt tas-sentenza appellata fl-appell tagħha. Minn dan isegwi li l-argument ibbażat fuq allegata diverġenza bejn il-preżentazzjoni orali tiegħu waqt is-seduta tat-23 ta' April 2018 u l-kontenut tad-dokumenti fil-pussess tal-Kumitat Konsultattiv tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u għalhekk huwa inammissibbli, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 38 ta' din is-sentenza.

123 Ċertament, l-appellanti tikkontesta l-motiv espost fil-punt 187 tas-sentenza appellata, li jgħid li l-eżami tal-proċess ma kien żvela ebda indizju ta' natura li jqajjem dubju dwar il-fatt li l-Kumitat Konsultattiv kellu, effettivament, waqt il-laqgħa tiegħu, l-elementi neċessarji għad-deliberazzjonijiet tiegħu. Madankollu, bl-iskuża li tinvoka żnaturament tal-provi u tal-atti tal-proċess, l-appellanti fir-realtà sempliċement tirreferi b'mod ġenerali għal żewġ dokumenti li jinsabu fil-proċess u telenka ċerti kwistjonijiet allegatatament ġodda li hija kienet ittrattat matul is-seduta tat-23 ta' April 2018, mingħajr ma tipprovdi ebda preċiżazzjoni li tista' ssostni l-eżistenza ta' tali żnaturament. B'mod partikolari, l-appelanti ssostni li kienet ittrattat, matul din is-seduta, il-kwistjoni tas-sitwazzjoni kontemporanja tas-settur tal-azzar, anki fid-dawl tal-avviż ta' bidu, ippubblikat f'Marzu 2018, ta' investigazzjoni fid-dawl tal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar. Madankollu, din l-affermazzjoni ma hijiex biżżejjed sabiex turi li d-dikjarazzjonijiet orali tagħha waqt l-imsemmija seduta kien fihom elementi ta' evalwazzjoni importanti u ġodda meta mqabbla mal-kontenut tad-dokumenti li kienu ġew ikkomunikati lill-Kumitat Konsultattiv.

124 Fit-tieni lok, l-appellanti sempliċement titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi "kjarifika", mingħajr madankollu ma tressaq argumenti ġuridiċi li jsostnu b'mod speċifiku t-talba tagħha għall-annullament tas-sentenza appellata, kuntrarjament għall-obbligu li hija għandha skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

125 Bl-istess mod, l-appellanti ssostni li jkun illoġiku li jiġi kkunsidrat li l-awtorità tal-kompetizzjoni relatur tista' tikkonferma r-regolarità ta' seduta li hija ma pparteċipatx fiha, mingħajr ma tipprovdi ebda argument ġuridiku intiż speċifikament sabiex jikkontesta l-motivi esposti fil-punti 192 u 193 tas-sentenza appellata.

126 Isegwi li r-raba' parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

127 Permezz tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-motivi, esposti fil-punti 349 sa 367 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità dwar l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, huma vvizzjati bi żbalji ta' liġi.

128 L-ewwel nett, l-appellanti tfakkar li din id-dispożizzjoni tipprevedi li, fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, il-preskrizzjoni sseħħ, l-iktar tard, f'terminu ta' għaxar snin. Issa, f'dan il-każ, minħabba s-sospensjoni tal-preskrizzjoni matul il-proċeduri ġudizzjarji, il-proċedura baqgħet miftuħa iktar minn għoxrin sena wara t-tmiem tal-aġir li jikkostitwixxi ksur, jiġifieri tul itwal "mid-doppju tad-doppju" tat-terminu ta' preskrizzjoni ordinarja. Dan il-fatt jipproduċi l-prova va li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma rrikonċiljax b'mod ġust ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali u ta' osservanza tad-dritt.

129 It-tieni nett, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali jkollu l-effett li jġiegħel lill-appellanti taċċetta jew li tkun suġġetta għal sanzjoni illegali, jew inkella li tkun is-suġġett ta' proċeduri illimitati *ratione temporis*. Issa, il-Kummissjoni ma għandhiex tkun tista' tapprofitta mill-iżbalji tagħha sabiex tibbenefika minn proroga tat-terminu impost fuqha sabiex tiddeċiedi dwar is-sanzjonijiet. Barra

minn hekk, id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja ma għandux idur kontra l-parti fil-kawża billi jwassal, għad-detriment tiegħu, għall-impreskrittibbiltà *de facto* tas-setgħa ta' sanzjoni tal-Kummissjoni.

130 It-tielet nett, l-appellanti tosserva li, fil-każ ta' ksur tat-terminu raġonevoli l-impriżi kkonċernati jistgħu jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur, bil-kundizzjoni li dan il-ksur ikun ostakola l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, jew jippreżentaw rikors għall-kumpens. Fil-fehma tar-rikorrenti, l-uniku rimedju li jista' jiżgura protezzjoni sħiħa tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli jikkonsisti madankollu fl-annullament tad-deċiżjoni adottata fil-każ ta' ksur manifest ta' dan it-terminu u dan, indipendentement mill-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni. Il-premessa 37 tar-Regolament Nru 1/2003, li skontha dan ir-regolament għandu jiġi interpretat u applikat b'rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta, bl-ebda mod ma hija riflessa mill-formulazzjoni tal-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament.

131 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-appellanti tallega li l-Qorti Ġenerali rreferiet, b'mod partikolari, għas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-245/99 P, C-244/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 144), filwaqt li din is-sentenza ġiet ikkritikata fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2010:635, punti 183 sa 185). Il-Qorti Ġenerali naqset milli tirrispondi għall-proposta tal-appellanti li stednitha tadotta s-soluzzjoni rrakkomandata f'dawn il-konklużjonijiet.

132 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argument tal-appellanti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

133 Kif il-Qorti Ġenerali fakkret fil-punt 354 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta minn konċiljazzjoni mwettqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu, bejn żewġ għanijiet, jiġifieri, minn naħa, il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali billi jiġi evitat li sitwazzjonijiet ikkonsolidata bil-mogħdija taż-żmien ikunu jistgħu jiġu kkontestati b'mod indefinit u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit li tiġi żgurata l-osservanza tad-dritt billi jitmexxew proċeduri kontra, billi jiġi kkonstatat u billi jiġi ssanzjonat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

134 F'dan ir-rigward, u kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punti 355 u 356 tas-sentenza appellata, il-leġiżlatur tal-Unjoni, billi ried jikkonċilja dawn l-għanijiet, ma qabiżx il-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu. Fil-fatt, l-Artikolu 25(1)(b) u l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprevedu, fir-rigward tal-prosekuzzjoni ta' ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li l-preskrizzjoni tiskadi wara terminu ta' ħames snin jew, fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, mhux iktar tard mill-jum li fih terminu ugwali għad-doppju tat-terminu ta' preskrizzjoni jiskadi mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet multa jew pagamenti ta' penalità. Mid-dispożizzjonijiet jirriżulta li s-setgħa ta' din l-istituzzjoni li timponi sanzjonijiet hija rregolata permezz ta' limiti stretti.

135 Ir-riżultat ta' din il-konċiljazzjoni huwa wkoll konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 359 sa 366 tas-sentenza appellata.

136 Huwa minnu li, fil-każ ta' rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni jibqa', skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003, sospiż sat-tmiem ta' din il-proċedura kontenzjuża. Kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 363 tas-sentenza appellata, din

is-sospensjoni tipproteġi lill-Kummissjoni kontra l-effett tal-preskrizzjoni f'sitwazzjonijiet fejn in-nuqqas ta' azzjoni ta' din l-istituzzjoni ma huwiex il-konsegwenza ta' nuqqas ta' diliġenza min-naħa tagħha. Il-possibbiltà li, minħabba tali perijodi ta' sospensjoni, it-tul totali ta' proċedura jeċċedi, f'dan il-każ b'mod sostanzjali, it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit mill-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 għal ħames jew għaxar snin, jew, fil-każ ta' interruzzjoni tiegħu, it-terminu ta' għaxar snin previst mill-Artikolu 25(5) ta' dan ir-regolament, ma tippermettix li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni eċċeda l-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu.

137 Kif esponiet il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 356 tas-sentenza appellata, il-partijiet fil-kawża li jqisu li sofrew proċedura għal żmien twil irraġonevolment jistgħu jiksbu l-annullament tad-deċiżjoni adottata fi tmiem din il-proċedura, bil-kundizzjoni li dan it-tul ikun irriżulta fi ksur tad-drittijiet tad-difiża, jew, fl-assenza ta' tali ksur tad-drittijiet tad-difiża, billi jippreżentaw rikors għall-kumpens quddiem il-qorti tal-Unjoni.

138 Il-fatt li, f'dan il-każ, it-tul totali tal-proċedura jeċċedi għoxrin sena, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 huwa vvizzjat b'illegalità.

139 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti mqajma mill-appellanti.

140 L-ewwel nett, fid-dawl tat-termini ta' preskrizzjoni mfakkra fil-punt 134 ta' din is-sentenza, u minkejja t-tul tal-proċedura inkwistjoni, l-appellanti ma tistax tippretendi li hija esposta għar-riskju li tkun suġġetta b'mod indefinit għal proċeduri mill-Kummissjoni jew għal impreskrittibbiltà *de facto* tas-setgħa ta' sanzjoni ta' din l-istituzzjoni.

141 It-tieni nett, id-diffikultajiet li tista' jħabbat wiċċhom magħhom parti fil-kawża meta tipprova timplementa r-rimedji msemmija fil-punt 137 ta' din is-sentenza, ikunu kemm ikunu importanti, ma humiex biżżejjed sabiex jitqies li huwa biss l-annullament tad-deċiżjoni li timponi sanzjoni fuqha li tikkostitwixxi rimedju effettiv fil-każ ta' ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli, indipendentement mill-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni.

142 It-tielet nett, l-appellanti sempliċement issostni li r-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-osservanza tal-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta, għalkemm imfakkra fil-premessa 37 tar-Regolament Nru 1/2003, ma humiex riflessi mill-formulazzjoni tal-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, mingħajr madankollu ma tagħmel l-iċken preċiżazzjoni f'dan ir-rigward.

143 Ir-raba' nett, fir-rigward tar-rilevanza tal-interpretazzjoni proposta fil-punti 183 sa 185 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2010:635), huwa biżżejjed li jitfakkar, kif barra minn hekk tirrikonoxxi l-appellanti stess, li din ma ġietx riflessa fit-termini tas-sentenza f'din il-kawża u lanqas b'mod iktar ġenerali, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

144 Fl-aħħar nett, sa fejn l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha, fis-sentenza appellata, tiddeċiedi fuq din is-silta mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P:EU:C:2010:635) u għalhekk naqset milli tiddeċiedi f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din is-silta kien fiha proposta li tirrigwarda mhux il-validità tar-regoli inkwistjoni iżda l-interpretazzjoni tagħhom. Għalhekk, il-pożizzjoni hekk espressa f'dawn il-konklużjonijiet ma tistax, f'kull ipoteżi, ssostni l-eċċezzjoni ta' illegalità msemmija fil-ħames aggravju.

145 Minn dan isegwi li l-ħames zggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju

146 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti tikkontesta l-motivi li bihom il-Qorti Ġenerali, fil-punti 229 sa 272 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li l-prinċipju ta' terminu raġonevoli ma kienx inkiser.

147 Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

148 Permezz tal-ewwel żewġ partijiet, l-appellanti tikkontesta, minn naħa, l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar it-tul tal-proċedura ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2009 u tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, l-evalwazzjonijiet dwar it-tul totali tal-proċedura li, fid-data tal-adozzjoni ta' din l-aħħar deċiżjoni, diġà kienet iktar minn 19-il sena.

149 Permezz tat-tielet parti, hija tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li t-tul tal-proċedura ma ppreġudikax id-drittijiet tad-difiża tagħha.

150 Kif fakkret il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 215 tas-sentenza appellata, il-ksur tal-prinċipju tal-osservanza ta' terminu raġonevoli jista' jiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni meħuda fi tmiem proċedura amministrattiva bbażata fuq l-Artikoli 101 jew 102 TFUE biss jekk din twassal ukoll għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata. (ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, PROAS vs Il-Kummisasjoni, C-616/13 P, EU:C:2016:415, punti 74 sa 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

151 Minn dan isegwi li, kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 230 tas-sentenza appellata, it-tul ta' proċedura jista' jkollu bħala konsegwenza l-annullament ta' deċiżjoni kkontestata jekk jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet b'mod kumulattiv, fejn l-ewwel kundizzjoni hija li dan it-tul ikun jidher li huwa irraġonevoli u t-tieni waħda hija li l-fatt li jkun għadda iktar minn żmien raġonevoli jkun ostakola l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża.

152 Huwa fid-dawl tat-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li għandha tiġi eżaminata t-tielet parti tat-tieni aggravju.

L-argumenti tal-partijiet

153 Permezz tat-tielet parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li, kuntrarjament għall-evalwazzjonijiet magħmula fil-punti 266 sa 272 tas-sentenza appellata, it-tul tal-proċedura kiser id-drittijiet tad-difiża tagħha u kkawżalha dannu. B'mod partikolari, huwa minħabba t-tul eċċessiv ta' din il-proċedura li l-parti l-kbira tal-entitajiet li setgħu jipproduċu elementi utli għad-difiża tagħha, inklużi provi li jiskaġunawha, ma kinux f'pożizzjoni li jipparteċipaw fis-seduta tat-23 ta' April 2018. Li kieku l-partijiet kollha kkonċernati setgħu jinstemgħu fuq il-mertu tal-ilmenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-2002, jew tad-deċiżjoni tal-2009, il-Kummissjoni setgħet tadotta deċiżjoni differenti.

154 Il-Kummissjoni tqis li dan l-argument huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

155 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-appellanti ma tillimitax ruħha li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq eżami ġdid tar-rikors fl-ewwel istanza u evalwazzjoni ġdida tal-fatti, mingħajr ma tidentifika bi preċiżjoni l-iżbalji mwettqa fis-sentenza appellata. Madankollu, sabiex turi li t-tul tal-proċedura wassal għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha, l-appellanti ttenni l-argument imqajjem fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha ta' dan l-appell, li ġie miċħud, fil-punt 126 ta' din is-sentenza, bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

156 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda.

157 Minn dan isegwi li waħda miż-żewġ kundizzjonijiet, imsemmija fil-punt 151 ta' din is-sentenza, meħtieġa sabiex il-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli jkun jista' jagħti lok għall-annullament ta' deċiżjoni ma hijiex issodisfatta.

158 Għaldaqstant, it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli, għandu jiġi miċħud bħala infondat, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-ewwel u t-tieni parti ta' dan l-aggravju.

Fuq it-tielet aggravju

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

159 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet, fil-punti 275 sa 296 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni spjegat b'mod suffiċjenti r-raġunijiet li wassluha tadotta deċiżjoni ġdida li timponi multa, wettqet żball ta' liġi.

160 Il-Qorti Ġenerali, fil-punti 282 sa 287 tas-sentenza appellata, essenzjalment ikkunsidrat, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni kienet indikat li t-tul tal-proċedura ma kienx iwassal għal ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli u li d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi ma kinux inkisru, peress li, minn naħa, dawn tal-aħħar setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar it-tkomplija tal-proċedura u li, min-naħa l-oħra, huma kienu wkoll esponew l-argumenti tagħhom matul is-seduta tat-23 ta' April 2018; it-tieni nett, li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li, wara li wettqet ibbilanċjar tal-interess ġenerali għal applikazzjoni effettiva tar-regoli tal-kompetizzjoni u tax-xewqa li jittaffew il-konsegwenzi eventwali tal-iżbalji proċedurali li hija kienet wettqet, hija biss l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża li kienet tippermettilha tiżgura ruħha li l-awturi tal-ksur ma kinux ser jibqgħu mingħajr kastig u ser ikunu effettivament dissważi milli jadottaw aġir simili fil-futur, u, it-tielet nett, li din l-istituzzjoni kienet iddeċidiet li tnaqqas b'50 % l-ammont tal-multi imposti, bl-għan li tnaqqas il-konsegwenzi negattivi li setgħu kienu kkawżati mit-tul tal-proċedura.

161 Skont l-appellanti, l-ewwel u t-tielet minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex rilevanti sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003, li minnha jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tikkonstata li twettaq ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fil-passat biss meta l-Kummissjoni jkollha interess leġittimu

li tagħmel dan. It-tieni waħda minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, imsemmija fil-punti 284 sa 286 tas-sentenza appellata, ma tikkostitwixxix motiv suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, peress li, jekk l-impożizzjoni ta' sanzjoni biss tippermetti lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-assenza ta' impunità tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u tar-reċidiva, is-setgħa diskrezzjonali li jagħtiha dan ir-regolament tkun nieqsa minn sens.

162 Fi kwalunkwe każ, l-appellanti tqis li l-motivi mressqa mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u approvati mill-Qorti Ġenerali ma humiex fondati.

163 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punt 290 tas-sentenza appellata, li, fil-premessa 567 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet wieġbet għall-argument tal-appellanti li jikkritika lil din tal-aħħar li ma spjegatx għaliex, filwaqt li s-suq Taljan kien inbidel b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-perijodu tal-ksur ikkonstatat, kien neċessarju li l-appellanti tiġi imposta, f'Lulju 2019, sanzjoni minħabba aġir li ilu iktar minn 30 sena. Issa, din il-premessa tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tenfasizza l-effett dissważiv tas-sanzjoni, ma tispjegax għaliex dan l-effett baqa' rilevanti, filwaqt li, fir-realtà, dan kien rilevanti biss meta nfetħet l-investigazzjoni tal-Kummissjoni matul l-2000. L-imsemmija premessa lanqas ma tispjega għaliex l-effett dissważiv għandu jkun "partikolarment mixtieq" f'suq bħas-suq Taljan tal-vireg li jirrinfurzaw il-konkrit.

164 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonstata n-natura ġenerika tal-affermazzjoni, magħmula fil-premessa 562 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li kien importanti li l-impriżi jiġu prekluży "milli jkomplu jew jerġgħu jibdew l-aġir antikompetittiv tagħhom mingħajr ma tiġi kkonstatata r-responsabbiltà passata tagħhom fil-ksur imwettaq" [traduzzjoni mhux uffiċċjali].

165 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

166 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni meħtieġa skont l-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat dan l-att b'mod illi l-partijiet interessati jistgħu jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha (sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Altice Group Lux vs Il-Kummissjoni, C-746/21 P, EU:C:2023:836, point 217 u l-ġurisprudenza ċċitata).

167 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi billi ddeċidiet, fil-punt 288 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet pprovdiet motivazzjoni ddettaljata li turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament li hija kienet segwiet sabiex tiġġustifika l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li timponi saznjonijiet minkejja ż-żewġ annullamenti li seħħew fil-passat.

168 Fil-fatt, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti f'dan ir-rigward fid-deċiżjoni kontenzjua u miġbura fil-qosor mill-Qorti Ġenerali fil-punti 282 sa 287 tas-sentenza appellata, jippreċiżaw, b'mod suffiċjentement ċar, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ġdida li timponi multa.

169 F'dan ir-rigward, hemm lok, minn naħa, li jiġi rrilevat li s-sunt ta' dawn ir-raġunijiet mill-appellanti, imsemmi fil-punt 160 ta' din is-sentenza, ma huwiex komplet, sa fejn dan ma jsemmix li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 285 tas-sentenza appellata, fakkret li, fil-premessi 560 u 561

tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet irrilevat li l-impriżi destinatarji ta' din id-deċiżjoni kienu ppartecipaw, matul ħdax-il sena, fi ksur ikkunsidrat bħala waħda mir-restrizzjonijiet l-iktar serji fil-qasam tal-kompetizzjoni u li, f'tali kuntest, il-fatt li ma tiġix adottata mill-ġdid deċiżjoni li tikkonstata l-parteċipazzjoni ta' dawn l-impriżi fl-imsemmi ksur imur kontra l-interess ġenerali li tiġi ggarantita applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u jmur lil hinn mill-interess li jkun hemm li jittaffew il-konsegwenzi ta' eventwali ksur tad-drittijiet fundamentali subit mill-imsemmija impriżi. Din il-konstatazzjoni kienet suffiċjenti, barra minn hekk, sabiex tispjega li l-Kummissjoni kienet tqis li kien jeżisti interess leġittimu li tiġi adottata d-deċiżjoni kontenzjuża, fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003.

170 Min-naħa l-oħra, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 280 tas-sentenza appellata, wara l-annullament tal-ewwel żewġ deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni sabiex tissanzjona l-akkordju inkwistjoni u ż-żmien, eċċezzjonalment twil, li kien għadda bejn l-ewwel atti istruttorji u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, din l-istituzzjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni dawn iċ-ċirkustanzi meta hija esponiet ir-raġunijiet li għalihom hija kienet tqis iġġustifikat l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li timponi sanzjonijiet. Kuntrarjament għal dak li sostniet l-appellanti, dawn il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti 282 u 287 tas-sentenza appellata, kienu rilevanti.

171 L-evalwazzjoni spejata fil-punt 167 ta' din is-sentenza ma hijiex ikkontestata mill-argument li permezz tiegħu l-appellanti tikkontesta l-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża li jiġġustifikaw interess leġittimu fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

172 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li l-obbligu li jiġu mmotivati deċiżjonijiet jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jiġi distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att kontenzjuż. Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni. Jekk dawn il-motivi huma vvizzjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità sostantivi tal-imsemmija deċiżjoni, iżda mhux il-motivazzjoni tagħha, li tista' tkun suffiċjenti filwaqt li jkunu espressi motivi żbaljati (ara s-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu et vs Il-Kummissjoni Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P à C-570/22 P, EU:C:2024:336, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

173 Issa, bl-iskuża li tinvoka ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, l-appellanti għandha l-intenzjoni, fir-realtà, li tikkontesta l-fondatezza tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata.

174 Dawn l-argumenti ma jistgħux jikkontestaw il-punti 275 sa 296 tas-sentenza appellata li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kinitx kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

175 Għaldaqstant l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

176 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 298 sa 302 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi u kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni fir-rigward tal-effett dissważiv tad-deċiżjoni kontenzjuża.

177 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli tirrispondi għall-argument tal-appellanti bbażat fuq il-fatt li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kien ikkonferma, permezz ta' sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, l-ineżistenza ta' akkordju ieħor li fih allegatament ipparteċipat l-appellanti. Issa, minn din is-sentenza jirriżulta li, sa mill-2000, l-appellanti eżerċitat l-attività tagħha b'osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni, b'tali mod li l-għan ta' dissważjoni li fuqu hija bbażata d-Deċiżjoni tal-2002 intlaħaq kompletament.

178 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha, fil-punt 298 tas-sentenza appellata, li tagħmel kunsiderazzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-effett dissważiv tad-deċiżjoni kontrenzjuża.

179 It-tielet nett, is-sentenza appellata hija vvizzjata b'kontradizzjoni ta' motivi. Fil-fatt, mill-punt 299 ta' din is-sentenza jirriżulta li, skont il-Qorti Ġenerali, id-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża hija ġġustifikata, mill-perspettiva tad-dissważjoni, fil-ħls lura wara l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 tal-ammont tal-multi imposti minn dawn id-deċiżjonijiet. Issa, fil-punt 660 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-għan ta' dissważjoni kien diġà ġie implementat fir-rigward tal-appellanti, parzjalment f'kull każ, mis-sanzjonijiet li kienu ġew imposti fuqha fid-Deċiżjoni tal-2002 u tal-2009.

180 Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 300 u 301 tas-sentenza appellata, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-impożizzjoni ta' żewġ sanzjonijiet, fid-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009, kif ukoll l-ispejjeż kontenzjużi relatati magħhom, kienu diġà kkostitwixxew sanzjoni għaliha, b'mod partikolari billi kkawżat ħsara għar-reputazzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, l-appellanti tirrileva li mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018, Biogaran vs Il-Kummissjoni (T-677/14, EU:T:2018:910), jirriżulta li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħsara mhux negliġibbli għar-reputazzjoni li tirrappreżenta, għal persuna ġuridika, il-konstatazzjoni li hija kienet involuta fi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-motivi esposti f'dan ir-rigward fis-sentenza appellata jixbhu, minħabba l-ġeneralità tagħhom, nuqqas ta' motivazzjoni.

181 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

182 Għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li s-sentenza tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) tal-21 ta' Jannar 2020 li għaliha tirreferi l-appellanti, ikkonstatat l-ineżistenza ta' ksur għal akkordju ieħor li l-appellanti kienet allegatament ipparteċipat fih. Fi kwalunkwe każ, din is-sentenza ma tippermettix li jiġi stabbilit li, sa mill-2000, din tal-aħħar eżerċitat l-attività tagħha b'osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni u li l-għan ta' dissważjoni, diġà mfittex mid-Deċiżjoni tal-2002, kien għalhekk diġà ntlaħaq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli ma ddeċidietx fuq din is-sentenza fis-sentenza appellata.

183 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, fil-punt 298 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, fid-dawl tan-natura gravi tal-ksur ikkonstatat, li l-adozzjoni ta' deċiżjoni u l-impożizzjoni ta' sanzjoni kienet għadha ġġustifikata mill-effett dissważiv li setgħu jipproduċu, fis-swieq, din id-deċiżjoni u s-sanzjoni li din tinvolvi. Din l-evalwazzjoni hija spjegata fil-punt 299 ta' din is-sentenza, li fiha l-Qorti Ġenerali enfasizzat li huwa l-fatt li għandha titħallas multa li għandu effett dissważiv wara l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009. Minn dan isegwi li l-punt 298 tal-imsemmija sentenza, moqri flimkien mal-punt 299 tal-istess sentenza, mhux talli ma jsemmix kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali iżda jisjpegaw b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali.

184 Fit-tielet lok, kuntrarjament għal dak li tallega l-appellanti, ma teżisti ebda kontradizzjoni bejn il-motivi esposti fil-punti 299 u 660 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet, f'dan l-aħħar punt, li jinsab fil-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, jekk għandux jingħata jew le tnaqqis addizzjonali tal-multa imposta fuq l-appellanti, li d-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 diġà kellhom ċertu effett dissważiv, mill-kuntest, u b'mod partikolari mill-punti 658, 659 u 661 ta' din is-sentenza, jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti Ġenerali kienet tal-fehma li l-għan ta' dissważjoni ma kienx intlaħaq kompletament qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-impożizzjoni ta' sanzjoni fuq l-appellanti f'din id-deċiżjoni setgħet fil-fatt titqies li hija ġġustifikata fid-dawl tan-neċessità li jiġi żgurat l-effett dissważiv, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 299 tas-sentenza appellata.

185 Fir-raba' lok, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 300 u 301 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-impożizzjoni ta' multa kellha l-għan, f'dan il-każ, mhux biss li tagħti ċertu effett dissważiv lil din id-deċiżjoni, iżda wkoll li tevita li l-impriżi kkonċernati jibbenefikaw minn impunità totali.

186 Issa, peress li d-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 ġew annullati u peress li l-multi korrispondenti tħallsu lura, miżjuda bl-interessi, hija biss deċiżjoni ġdida li timponi multa fuq l-appellanti li setgħet tiggarantixxi li l-parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju kopert mid-deċiżjoni kontenzjuża ma tibqax mingħajr sanzjoni.

187 Fir-rigward tal-ispejjeż relatati maż-żewġ kawżi sussegwenti għad-deċiżjoni tal-2002, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-94/03, EU:T:2007:320), il-Qorti Ġenerali kkundannat lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż sostnuti mill-appellanti u, fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716), il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż sostnuti mill-appellanti kemm fil-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell li ta lok għal din is-sentenza.

188 Barra minn hekk, huwa minnu li, fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2018, Biogaran vs Il-Kummissjoni (T-677/14, EU:T:2018:910), li għaliha tirreferi l-appellamnti, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-ħasra mhux negliġibbli għar-reputazzjoni li tirrappreżenta, għal persuna fiżika jew ġuridika, il-konstatazzjoni li hija kienet involuta fi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Madankollu, din l-evalwazzjoni ma kinitx intiża sabiex tindika li tali dannu jikkostitwixxi forma ta' sanzjoni li tirriżulta mill-konstatazzjoni ta' ksur permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, iżda sabiex tispjega għaliex huwa neċessarju li din l-istituzzjoni tipproduċi provi preċiżi u konkordanti sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' tali ksur.

189 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 300 tas-sentenza appellata, li l-impożizzjoni ta' multa fid-deċiżjoni kontenzjuża kienet intiża sabiex jiġi evitat li l-impriżi kkonċernati jingħataw impunità totali.

190 Għaldaqstant it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tielet parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

191 Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 304 sa 307 tas-sentenza appellata, ma osservatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha sa fejn hija ma rrispondietx għall-argument tagħha bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

192 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

193 Fil-punt 303 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-appellanti kienet sostniet fl-ewwel istanza li l-fatt li kellha l-kwalità ta' akkużat matul il-proċedura kollha kien impona fuqha piena fiha nnifisha suffiċjenti. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument billi ddeċidiet, fil-punti 304 u 305 ta' din is-sentenza, li l-appellanti, fid-dawl tal-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, kienet għadha ma ġietx issanzjonata talli wettqet ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni kienet intiża li tiżgura li l-appellanti tkun effettivament issanzjonata għal dan il-ksur.

194 Insostenn tat-tielet parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li hija diġà ġarrbet sanzjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, iżda ma tippreżenta ebda argument intiż sabiex jikkontesta, b'mod speċifiku, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali espost fil-punti 304 u 305 tas-sentenza appellata. Hija sempliċement issostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar l-argument tagħha bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

195 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 238 tar-rikors promotur tagħha, l-appellanti kienet sostniet li l-fatt li kellha l-istatus ta' "akkużat" għal iktar minn 17-il sena, jiġifieri minn meta rċeviet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet f'Marzu 2002, minbarra li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB, li jinkludi l-obbligu li jiġi żgurat li akkużat ma jibqax għal żmien twil fl-inċertezza tas-soluzzjoni li ser tiġi rriżervata għall-akkuża kriminali kontra tiegħu, kien imponilha, fiha nnifisha, piena ta' tbatija gravi.

196 Issa, tali argument kien intiż, kif juri t-titolu tat-taqsima li fiha jinsab, sabiex jikkontesta l-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża li skonthom l-impożizzjoni ta' sanzjoni kienet neċessarja sabiex tiġi evitata l-impunità tal-impriżi inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fl-assenza ta' kull preċiżazzjoni f'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat li r-riferiment għall-Artikolu 6 tal-KEDB kien intiż biss sabiex isaħħaħ l-argument tal-appellanti intiż sabiex juri li hija kienet diġà ġiet issanzjonata qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjua, li għaliha l-Qorti Ġenerali rrispondiet fil-punti 304 u 305 tas-sentenza appellata.

197 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tista' tiġi akkużata b'ebda nuqqas li tingħata deċiżjoni f'dan ir-rigward.

198 Għaldaqstant it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq ir-raba' parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

199 Permezz tar-raba' parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi bbażat ruħha, fil-punti 310 sa 315 tas-sentenza appellata, fuq il-possibbiltà, għal terzi, li jressqu kawża għall-kumpens quddiem il-qrati nazzjonali, wettqet sostituzzjoni tal-motivi, naqset milli teżamina d-dokumenti fil-proċess u qalbet l-oneru tal-prova.

200 Il-Kummissjoni tqis li peress li dan l-argument huwa dirett kontra motivi esposti għal finijiet ta' kompletezza fis-sentenza appellata, dan għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fi kwalunkwe każ, ir-raba' parti hija infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

201 Fil-punt 301 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fid-dawl tal-gravità u tat-tul tal-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni, l-għan li tiġi evitata impunità totali għall-impriżi kkonċernati kien suffiċjenti, waħdu, sabiex tiġi ġġustifikata f'dan il-każ l-adozzjoni ta' deċiżjoni li timponi sanzjoni.

202 Din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma ġietx ikkontestata mill-appellanti fl-appell tagħha.

203 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali, billi għamlet riferiment għal kunsiderazzjonijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, bħal pereżempju l-intenzjoni li jiġi protett id-dritt ta' terzi li jressqu kawża għall-kumpens quddiem il-qrati nazzjonali, esponiet dawn il-kunsiderazzjonijiet għall-finijiet ta' kompletezza, sabiex tirrispondi b'mod eżawrjenti għall-argumenti tal-appellanti.

204 Konsegwentement, peress li l-ilmenti mqajma mill-appellanti fil-kuntest tar-raba' parti tat-tielet aggravju huma diretti kontra motivi superfluwi tas-sentenza appellata, dawn ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din is-sentenza.

205 Minn dan isegwi li r-raba' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

Fuq il-ħames parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

206 Permezz tal-ħames parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi ċaħdet, fil-punti 317 sa 323 tas-sentenza appellata, l-ilment tagħha bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ibbażat ruħha fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u li ma humiex suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw din iċ-ċaħda.

207 Barra minn hekk, wara l-espożizzjoni ta' din il-ħames parti, l-appell fih taqsima intitolata "Kunsiderazzjonijiet finali", li fiha l-appellanti tirrepeti l-argument żviluppat fil-punti 242, 243 u 252 sa 254 tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza.

208 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-imsemmija ħames parti hija inammissibbli, fid-dawl tan-natura vaga u ġenerika tagħha. Fi kwalunkwe każ hija infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

209 Għandu jiġi rrilevat li l-appellanti sempliċement tikkontesta r-rilevanza tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali fil-punti 317 sa 323 tas-sentenza appellata, mingħajr ma tindika b'mod preċiż l-argumenti ġuridiċi li jsostnu b'mod speċifiku t-talba tagħha għall-annullament ta' din is-sentenza, kuntrarjament għar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

210 Barra minn hekk, appell li, mingħajr ma jinkludi argument speċifikament immirat lejn l-identifikazzjoni tal-iżball ta' liġi li bih hija vvizzjata d-deċiżjoni kkontestata, sempliċement jirrepeti jew jirriproduċi testwalment il-motivi u l-argumenti li tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti. Fil-fatt, tali appell jikkostitwixxi, fil-verità, talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, li ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tad-9 ta' Frar 2023, Boshab vs Il-Kummissjoni, C-708/21 P, EU:C:2023:84, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

211 Issa, f'dan il-każ, permezz tal-argument miġbur fil-qosor fil-punt 207 ta' din is-sentenza, l-appellanti sempliċement tirrepeti, bl-eċċezzjoni ta' xi modifiki minuri, l-argument li hija kienet diġà ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali.

212 Għaldaqstant il-ħames parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

213 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

214 Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet fil-punti 326 sa 342 tas-sentenza appellata li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx jipprekludi l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, għamlet applikazzjoni żbaljata ta' dan il-prinċipju.

215 Skont l-appelanti, huwa minnu li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma jipprekludix l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida meta dik preċedenti tkun ġiet annullata minħabba difetti proċedurali. Madankollu, mis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-250/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582) jirriżulta li din il-possibbiltà hija suġġetta għall-kundizzjoni li ma tkunx ingħatat deċiżjoni dwar il-mertu tal-fatti allegati. Issa, din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta f'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq il-mertu tal-kawża fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035).

216 L-appellanti tenfasizza li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika biss fil-każ ta' sanzjoni doppja, li ma jikkorrispondix għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, peress li s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035)

kif ukoll id-deċiżjoni tal-2009 u s-sanzjoni li hija kienet tipprevedi ġew annullati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, skont l-appellanti, dan il-prinċipju jipprekludi wkoll kumulu ta' proċeduri, iktar u iktar meta tali kumulu jwassal, bħal f'dan il-każ, għal kundanna ġdida għall-istess fatti.

217 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika biss fil-każ ta' sanzjoni doppja. B'hekk, mill-Artikolu 50 tal-Karta jirriżulta li dan il-prinċipju huwa applikabbli wkoll fil-każ ta' kundanna doppja. Fil-fatt, persuna tista' tiġi kkundannata minħabba aġir illegali mingħajr ma tkun suġġetta għal sanzjoni.

218 Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Artikolu 50 tal-Karta jirreferi għal sentenza definittiva, l-appellanti tenfasizza li s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035), minkejja li ġiet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha titqies, fil-mertu, bħala definittiva. Fil-fatt, mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawżi Feralpi et vs Il-Kummissjoni (C-85/15 P, C-86/16 P u C-87/15 P, C-88/15 P u C-89/15 P, EU:C:2016:940), jirriżulta li l-appell minn din is-sentenza kellu jiġi ddikjarat inammissibbli.

219 Fi kwalunkwe każ, mhux is-sentenzi tal-2014 kollha kienu s-suġġett ta' appelli. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-fatti li jikkostitwixxu l-akkordju inkwistjoni, li kienu komuni għall-impriżi kollha kkonċernati, saret definittiva. L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li s-sentenzi ma jipproduċux effetti fuq l-impriżi li ma kinux partijiet fil-kawżi deċiżi f'dawn is-sentenzi hija formalistika wisq u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-essenza vera tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

220 Barra minn hekk, il-formulazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta ma għandhiex tiġi interpretata b'mod wisq litterali. L-appellanti tosserva, f'dan ir-rigward, li mis-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2016, Kossowski (C-486/14, EU:C:2016:483) jirriżulta li, fil-każ li l-kawża ma titteħidx azzjoni minn prosekutur pubbliku li madankollu kien eżamina l-fatti, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa applikabbli minkejja l-assenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja ta' liberazzjoni.

221 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

222 L-Artikolu 50 tal-Karta jiddisponi li "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi". B'hekk, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi kumulu kemm ta' proċeduri kif ukoll ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali fis-sens ta' dan l-artikolu għall-istess fatti u kontra l-istess persuna (sentenza tal-14 ta' Settembru 2023, Volkswagen Group Italia u Volkswagen Aktiengesellschaft, C-27/22, EU:C:2023:663, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

223 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju ta' ne bis in idem għandu jiġi osservat fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi, li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju jipprekludi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka mill-ġdid minħabba aġir antikompetittiv li għalih hija tkun ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu hija tkun ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata (sentenza tat- 22 ta' Marzu 2022, Nordzucker *et*, C-151/20, EU:C:2022:203, punt 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

224 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, ma kienx hemm deċiżjoni dwar l-akkordju kopert mid-deċiżjoni kontenzjuża li ma setax jiġi kkontestat iktar u li għalhekk sar definittiv. Fil-fatt, għalkemm, ċertament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, EU:T:2014:1035), fuq il-mertu, fuq il-kwistjoni dwar jekk l-appellanti setgħetx tinżamm responsabbli għal dan l-akkordju, kif imsemmi fid-deċiżjoni tal-2009, din is-sentenza, li kienet is-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma saritx definittiva u sussegwentement ġiet annullata kompletament mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-istess bħad-deċiżjoni tal-2009.

225 Kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, it-tkomplija tal-proċedura u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża ma humiex inkompatibbli mas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et vs* Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-245/99 P, C-244/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582).

226 Fil-fatt, minn din is-sentenza jirriżulta, hekk kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 331 tas-sentenza appellata, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi biss evalwazzjoni ġdida fuq il-mertu tal-materjalità tal-ksur, li jkollha bħala konsegwenza l-impożizzjoni jew ta' sanzjoni oħra, flimkien mal-ewwel waħda, fil-każ li tiġi stabbilita mill-ġdid ir-responsabbiltà, jew tal-ewwel sanzjoni, fil-każ li r-responsabbiltà, li ma tiġix segwita mill-ewwel deċiżjoni, tiġi stabbilita mit-tieni waħda (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij ***et*** vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-250/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 61). Issa, ebda waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma hija ssodisfatta f'dan il-każ.

227 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, fil-punt 62 ta' din is-sentenza, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma jipprekludix fih innifsu t-tkomplija tal-proċeduri li għandhom bħala għan l-istess aġir antikompetittiv meta l-ewwel deċiżjoni tkun ġiet annullata għal raġunijiet ta' forma mingħajr ma tkun ingħatat deċiżjoni fuq il-mertu tal-fatti allegati.

228 Madankollu, b'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ma indikatx li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprekludi l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida wara l-annullament, fuq appell, tas-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet fuq il-mertu tal-ewwel deċiżjoni u l-annullament ta' din l-ewwel deċiżjoni. Fil-fatt, u kif jirriżulta mill-istess punt 62 tal-imsemmija sentenza, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' jinkiser biss jekk ikun hemm diġà deċiżjoni definittiva fuq il-mertu tal-kawża. Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 224 ta' din is-sentenza, tali deċiżjoni definittiva kienet preċiżament nieqsa fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

229 Il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 227 ta' din is-sentenza tikkonferma barra minn hekk li t-tkomplija ta' proċedura fil-qasam tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, wara l-annullament tal-ewwel deċiżjoni li tagħlaq din il-proċedura, ma tagħtix lok għal kumulu ta' proċeduri.

230 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, ġustament, li l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontrenzjuża ma kinitx tikser il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

231 Ċertament, uħud mis-sentenzi tal-2014, li jikkonċernaw impriżi oħra, saru definittivi, peress li ma kinux is-suġġett ta' appelli. Madankollu, dawn is-sentenzi, minkejja li jikkonċernaw l-istess akkordju bħal dak li għalih l-appellanti kienet ġiet imħarrka, ma jikkostitwixxux, fir-rigward ta' din tal-aħħar, sentenza definittiva.

232 Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li tallega l-appellamnti, il-possibbiltà li deċiżjoni meħuda minn Uffiċċju tal-Prosekutur tista' tkun rilevanti għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, ma hijiex ta' natura li tikkontesta din l-evalwazzjoni, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, tali deċiżjoni għandha tkun definittiva (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2016, Kossowski, C-486/14, EU:C:2016:483, punti 52 sa 54).

233 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq is-sitt aggravju

L-argumenti tal-partijiet

234 Permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, billi naqset milli tikkonstata li l-ksur tad-drittijiet tad-difiża kien jirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx semmiet espressament l-intenzjoni tagħha li tapplika fil-konfront tal-appellanti ċ-ċirkustanza aggravanti tar-reċidiva fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali jew f'att ieħor tal-proċedura li tkompliet fl-2017, u b'hekk ċaħditha mill-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet fuq dan il-punt matul il-proċedura amministrattiva, wettqet żball ta' liġi fil-punti 535 sa 551 tas-sentenza appellata.

235 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni *et* vs Versalis *et* (C-93/13 P u C-123/13 P, EU:C:2015:150), u dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB. It-tieni nett, hija kisret id-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fl-atti ta' liġi mhux vinkolanti li l-Kummissjoni imponiet fuqha nnifisha, jiġifieri l-punti 84, 86 u 109 tal-Avviż tal-2011. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni jew żnaturat it-traskrizzjoni ta' ċerti siltiet mir-reġistrazzjoni tas-seduta fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716). Ir-raba' nett, il-fatti msemmija fil-punti 547 u 548 tas-sentenza appellata huma, bħal dawk imsemmija fil-punti 543 sa 546 ta' din is-sentenza, irrilevanti, peress li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 ma kinux jinkludu motivazzjoni dwar ir-reċidiva. Fi kwalunkwe każ, dawn il-fatti kellhom jiġu aġġornati minħabba t-tul eċċezzjonalment twil tal-proċedura. Il-fatt imsemmi fil-punt 549 tas-sentenza appellata huwa irrilevanti, peress li l-kontenut tal-ittra tal-15 ta' Diċembru 2017 manifestament ma kienx konformi mal-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza.

236 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-aggravju huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

237 Il-Qorti Ġenerali esponiet, fil-punti 538 sa 542 tas-sentenza appellata, il-kriterji li jippermettu li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' ksur eventwali tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tar-reċidiva fir-rigward tagħha.

238 Fil-punt 538 ta' din is-sentenza, hija ddeċidiet, b'riferiment għas-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni *et* vs Versalis *et* (C-93/13 P u C-123/13 P, EU:C:2015:150), li meta l-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni tattribwixxi lil persuna ġuridika ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u tkun qiegħda tikkonsidra li tinvoka kontriha, f'dan il-kuntest, ir-reċidiva bħala ċirkustanza aggravanti,

id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li hija tibgħat lil din il-persuna għandha tinkludi l-elementi kollha li jippermettu lil din tal-aħħar tiżgura d-difiża tagħha, b'mod partikolari dawk li jistgħu jiġġustifikaw li l-kundizzjonijiet tar-reċidiva jkunu ssodisfatti f'dam il-każ. Fil-punt 539 tal-imsemmija sentenza, hija fakkret li kien f'dan is-sens li l-Kummissjoni impenjat ruħha, fil-punt 84 tal-avviż tagħha tal-2011, li ssemmi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, "b'mod preċiż biżżejjed", l-elementi li jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanzi aggravanti, sabiex iżżid, fil-punt 540 tal-istess sentenza, li r-reċidiva għandha tiġi analizzata, skont ġurisprudenza stabbilita, bħala li tikkostitwixxi ċirkustanza li tista' jkollha din in-natura aggravanti.

239 Fil-punt 541 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-obbligu deskritt fil-punti 538 sa 540 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-obbligu li jiġu r-rispettati d-drittijiet tad-difiża, liema obbligu huwa s-suġġett ta' prinċipju ġenerali li jipprovdi li, f'kull proċedura li tista' twassal għal sanzjonijiet, b'mod partikolari għal multi jew għal pagamenti ta' penalità, l-impriżi u l-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati għandhom jingħataw l-opportunità, sa mill-proċedura amministrattiva, li jippreżentaw b'mod utli l-pożizzjoni tagħhom dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti, tal-ilmenti u taċ-ċirkustanzi allegati kontrihom.

240 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 542 tas-sentenza appellata, li, sabiex jiġi vverfikat jekk il-prinċipju ta' drittijiet tad-difiża ġiex osservat, il-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża sabiex tiżgura li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur jew ċirkustanza partikolari kienet prevedibbli biżżejjed, f'għajnejn l-impriża kkonċernata, sabiex ikun jista' jitqies li din tal-aħħar kienet tqiegħdet f'pożizzjoni li tifformula l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-punt ikkunsidrat.

241 Dawn l-ispjegazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ma humiex ikkontestati mill-appellanti.

242 Min-naħa l-oħra, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li, f'dan il-każ, il-fatt li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tikkunsidra r-reċidiva, bħala ċirkustanza aggravanti fir-rigward tagħha, kien suffiċjentement prevedibbli.

243 Sabiex tiċħad din l-allegazzjoni, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, minn naħa, fuq il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, imsemmi fil-punti 543 sa 546 tas-sentenza appellata, u, min-naħa l-oħra, fuq l-ittra tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2017 li tħabbar it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva, imsemmija fil-punti 547 sa 549 ta' din is-sentenza.

244 Minkejja li l-appellanti ssostni li hija ma titlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti, l-argument tagħha huwa kważi esklużivament iffokat fuq il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

245 Issa, mill-punti 547 u 548 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni informat lill-appellanti, fl-ittra tagħha tal-15 ta' Diċembru 2017 li ħabbret it-tkomplija tal-proċedura amministrattiva, li, fid-deċiżjoni li hija kienet ser tieħu fi tmiem il-proċedura, hija kienet ser tibbaża ruħha fuq l-ilmenti li jirriżultaw mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li kienet tat lok għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009 u li r-reċidiva kienet ġiet ikkunsidrata, f'dawn id-deċiżjonijiet, għall-kalkolu tal-ammont tal-multa tal-appellanti, bħala ċirkustanzi aggravanti.

246 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx ċara, il-Qorti Ġenerali setgħet tikkunsidra, fil-punt 550 tas-sentenza appellata, li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra, fid-deċiżjoni kontenzjuża, ir-reċidiva bħala ċirkustanza aggravanti fir-rigward tal-appellanti kienet suffiċjentement prevedibbli.

247 Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat ir-reċidiva talaġppellanti abbażi ta' deċiżjoni preċedenti li tikkonstata ksur imwettaq minn din tal-aħħar, li kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni għall-istess finijiet fid-deċiżjonijiet tal-2002 u tal-2009. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma kinitx marbuta tikkunsidra li l-Kummissjoni kellha taġġorna l-elementi li fid-dawl tagħhom hija ħadet inkunsiderazzjoni r-reċidiva.

248 L-appellanti ssostni wkoll li ċerti siltiet mir-reġistrazzjoni tas-seduta fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-88/15 P, EU:C:2017:716) jikkonfermaw in-natura plawżibbli tar-raġunijiet li għalihom hija ma kinitx ippreżentat osservazzjonijiet dwar ir-reċidiva wara t-tkomplija tal-proċedura amministrattiva. Madankollu, l-apellanti ma tippreċiżax ir-raġunijiet ġuridiċi li għalihom dawn is-siltiet juru li hija kellha dritt tikkunsidra li l-Kummissjoni, wara t-tkomplija tal-proċedura, ma setgħetx tikkunsidra ċ-ċirkustanza aggravanti ta' reċidività mingħajr ma tinformaha b'mod espliċitu minn qabel.

249 Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni jew ta' żnaturament tal-imsemmija siltiet għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, fid-dawl tar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 51 ta' din is-sentenza.

250 Għaldaqstant, hemm lok li s-sitt aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq is-seba' aggravju

Fuq l-ewwel parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

251 Permezz tal-ewwel parti tas-seba' aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi ċaħdet, fil-punti 565 sa 579 tas-sentenza appellata, l-ilment tagħha li t-teħid inkunsiderazzjoni tar-reċidiva bħala ċirkustanza aggravanti jmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba t-terminu eċċessivament twil tal-proċedura, wettqet żbalji ta' liġi.

252 L-ewwel nett, il-punt 575 tas-sentenza kkontestata hija vvizzjata minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. Fil-fatt, filwaqt li l-appellanti rreferiet għat-tul anormali tal-proċedura inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali rreferiet, f'dan il-punt 575, għat-terminu qasir li kien għadda bejn il-ksur preċedenti u l-ksur issanzjonat mid-deċiżjoni kontenzjuża.

253 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra r-reċidiva minħabba ksur ikkonstatat iktar minn 30 sena qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq interpretazzjoni manifestament sproporzjonata tal-kunċett ta' reċidiva. Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata mill-għan li jiġi żgurat l-effett dissważiv ta' din id-deċiżjoni, peress li, sa mill-2000 l-appellanti ma kinitx għadha ħatja ta' aġir antikompetittiv. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni n-natura dissważiva tal-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi li fihom kienet involuta l-appellanti.

254 Il-Qorti Ġenerali naqset ukoll milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-għan li jiġi żgurat l-effett disważiv kien ittieħed inkunsiderazzjoni kemm sabiex jiġi ssanzjonat l-akkordju inkwistjoni kif ukoll sabiex tiżdied il-multa minħabba r-reċidiva, li jwassal għal duplikazzjoni li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

255 Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija diffiċilment konċiljabbli mal-prinċipju stabbilit mis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni (C-413/08 P, EU:C:2010:346, punti 70 u 73), li jipproedei li d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ma jawtorizzax lill-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni reċidiva mingħajr limitazzjoni *ratione temporis*. It-teħid inkunsiderazzjoni, minħabba r-reċidiva, ta' fatti li jmorru lura għal iktar minn 30 sena qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża huwa għalhekk manifestament sproporzjonat u jwassal fil-prattika għan-negazzjoni tal-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja.

256 Il-Kummissjoni tqis li dan l-argument huwa inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, manifestament infondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

257 Permezz ta' din il-parti, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali b'nuqqas ta' motivazzjoni u bi żball ta' liġi fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, l-imsemmija parti għandha għalhekk titqies li hija ammissibbli.

258 Madankollu, l-argument tal-appellanti ma huwiex fondat.

259 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motivazzjoni tal-punt 575 tas-sentenza appellata, minn dan il-punt jirriżulta li, sabiex jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni kellhiex dritt tikkunsidra r-reċidiva fir-rigward tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ż-żmien li kien għadda bejn il-ksur preċedentement imwettaq minn din l-impriża u l-ksur issanzjonat mid-deċiżjoni kkontestata kien qasir. Kuntrarjament għal dak li tallega l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma injoratx li l-ilment imressaq quddiemha ma kienx jirrigwarda dan it-terminu iżda dak li kien għadda bejn il-ksur preċedenti u d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali mhux biss ġabret fil-qosor dan l-ilment fil-punt 566 ta' din is-sentenza, iżda ddeċidiet ukoll, fil-punt 575 tal-imsemmija sentenza, li l-Kummissjoni kellha dritt tqis ir-reċidiva bħala ċirkustanza aggravanti fir-rigward tar-rikorrenti "minkejja l-fatt li l-investigazzjoni damet ċertu żmien minħabba l-inċertezzi ġudizzjarji li ltaqgħat magħhom". Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-allegazzjonijiet tal-appellanti dwar nuqqas ta' motivazzjoni u nuqqas li tingħata deċiżjoni huma bbażati fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

260 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi, skont ġurisprudenza stabbilita, li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu adegwati sabiex jiżguraw it-twettiq tal-għanijiet leġittimi li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2020, Groupe Canal + vs Il-Kummissjoni, C-132/19 P, EU:C:2020:1007, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

261 Fir-rigward taż-żieda fil-multa minħabba r-reċidiva, għandu jitfakkar li tali żieda tissodisfa l-għan li jiġu sanzjonati n-nuqqasijiet repetittivi tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-istess impriża (sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni (C-413/08 P, EU:C:2010:346, punt 61).

262 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti ma tikkontestax l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 553 tas-sentenza appellata, li tgħid li, f'perspettiva ta' dissważjoni, ir-reċidiva hija ċirkustanza li tiġġustifika, skont il-ġurisprudenza, żieda kunsiderevoli tal-ammont bażiku tal-multa, minħabba l-fatt li hija tikkostitwixxi, fil-fatt, il-prova li s-sanzjoni preċedentement imposta ma kinitx dissważiva biżżejjed.

263 L-appellanti lanqas ma tikkontesta ċ-ċaħda, fil-punti 557 u 564 tas-sentenza appellata, tal-ilment tagħha li permezz tiegħu hija kienet sostniet li ż-żmien li kien għadda bejn il-ksur imwettaq preċedentement u dak previst mid-deċiżjoni kontenzjuża kien twil wisq sabiex ir-reċidiva tkun tista' tiġi applikata fir-rigward tagħha.

264 Fil-fatt, l-appellanti tillimita ruħha li ssostni, li, peress li l-għan tat-teħid inkunsiderazzjoni tar-reċidiva huwa li impriża tiġi dissważa milli twettaq ksur ġdid tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-prinċipju ta' proporzjonalità nkiser f'dan il-każ peress li, minn naħa, hija ma kinitx għadha ħatja ta' tali aġir sa mill-2000 u, min-naħa l-oħra, il-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji li diġà seħħew f'dak li jirrigwarda l-akkordju previst mid-deċiżjoni kontenzjuża kienu inevitabbilment ipproduċew effett dissważiv.

265 Issa, għandu jitfakkar li, fil-punt 577 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma setax jiġi eskluż li t-theddida ta' sanzjoni li kienet imposta fuq l-appellanti matul l-investigazzjoni kollha u l-impożizzjoni, darbtejn, ta' sanzjoni, seta' kellhom ċertu effett dissważiv. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, mingħajr ma wettqet żball ta' liġi, li "tkun is-sanzjoni, jiġifieri l-fatt li titħallas il-multa imposta mill-Kummissjoni, kif miżjuda minħabba r-reċidiva, li tiddiswadi effettivament impriża milli terġa' tkun ħatja ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni."

266 Fi kwalunkwe każ, l-appellanti ma wrietx li s-sempliċi fatt li għadda perijodu kunsiderevoli bejn il-ksur ikkonstatat għat-teħid in kunsiderazzjoni tar-reċidività u l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża għandu bħala konsegwenza li dan it-teħid in kunsiderazzjoni jkun sproporzjonat.

267 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-eżempji ċċitati mill-appellanti.

268 L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha dritt tikkunsidra, minn naħa, li l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li tikkonstata l-parteċipazzjoni tal-appellanti fl-akkordju kienet iġġustifikata, fost l-oħrajn, mill-għan li tiddiswadiha milli twettaq tali ksur fil-futur u, min-naħa l-oħra, li kellu jissaħħaħ dan l-effett dissważiv billi tiġi kkonstatata r-reċidiva fir-rigward ta' din tal-aħħar. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-fatt li ħadet inkunsiderazzjoni r-reċidiva, kemm sabiex jiġi deċiż jekk huwiex opportun li tiġi adottata deċiżjoni ġdida li tikkonstata l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur kif ukoll sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha, ma jikkostitwixxix "duplikazzjoni" li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

269 It-tieni nett, huwa minnu li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li ż-żmien li jgħaddi bejn il-ksur inkwistjoni u l-ksur preċedenti tar-regoli tal-kompetizzjoni jitqies meta tiġi evalwata t-tendenza tal-impriża li tikser dawn ir-regoli (sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni, C-413/08 P, EU:C:2010:346, punti 70 u 73). Madankollu, dan it-terminu ma huwiex dak li għalih tirreferi l-appellanti insostenn tal-ilment tagħha bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

270 Għaldaqstant l-ewwel parti tas-seba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti

– *L-argumenti tal-partijiet*

271 Permezz tat-tieni parti tas-seba' aggravju, l-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li l-punti 580 sa 595 tas-sentenza appellata huma vvizzjati b'nuqqas ta' motivazzjoni. Hija tispjega li sostniet, fl-ewwel istanza, li ż-żieda tal-multa minħabba reċidiva kienet sproporzjonata fid-dawl, minn naħa, tal-mogħdija ta' żmien eċċezzjonalment twil u, min-naħa l-oħra, tan-natura "minuri" tar-reċidiva. Il-Qorti Ġenerali eżaminat biss it-tieni wieħed minn dawn l-argumenti.

272 It-tieni nett, iż-żieda ta' 50 % tal-multa minħabba reċidiva hija, evidentement, sproporzjonata, peress li d-deċiżjoni kontenzjua ġiet adottata iktar minn 30 sena wara d-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur preċedenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kellha tinduna bin-natura kontradittorja tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, il-Kummissjoni naqqset b'50 % l-ammont bażiku tal-multa, fid-dawl tat-tul tal-proċedura, iżda naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni dan it-tul tal-proċedura għall-finijiet tal-applikazzjoni taż-żieda minħabba reċidiva. Għal raġunijiet ta' koerenza, il-Kummissjoni kellha, minħabba l-fattur taż-żmien, tnaqqas għall-minimu ta' nofs ukoll ir-rata ta' żieda ta' 50 % minħabba r-reċidiva. Barra minn hekk, din iż-żieda ma tistax, min-natura tagħha stess, taqbeż l-ammont tal-multa. Issa, f'dan il-każ, l-ammont tal-imsemmija żieda huwa bejn wieħed u ieħor ugwali għad-doppju tal-ammont tal-multa li kienet tiġi imposta fuq l-appellanti kieku din iċ-ċirkustanza aggravanti ma kinitx ġiet ikkunsidrata.

273 Il-Kummissjoni ssostni li l-appellanti sempliċement tirrepeti l-argumenti li hija kienet sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali u għalhekk tfittex li tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja eżami mill-ġdid tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza. L-argument tal-appellanti huwa għaldaqstant inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

274 Permezz tat-tieni parti tas-seba' aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni fis-sentenzi tagħha u wettqet żball ta' interpretazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, din il-parti għandha għalhekk titqies li hija ammissibbli.

275 Madankollu, l-argument tal-appellanti ma huwiex fondat.

276 Fl-ewwel lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li naqset milli tirrispondi għall-argument tagħha li ż-żieda applikata mill-Kummissjoni fir-rigward tagħha, minħabba r-reċidiva, kienet sproporzjonata, fid-dawl tat-tul tal-proċedura. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 565 sa 579 tas-sentenza appellata, l-argument tal-appellanti li l-konstatazzjoni tar-reċidiva fir-rigward tagħha ma kinitx kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma kinitx iktar obbligata tirrispondi għall-argument tal-appellanti li jgħid li dan il-prinċipju kien jipprekludi wkoll iż-żieda tal-multa minħabba r-reċidiva.

277 Fit-tieni lok, l-appellanti ma stabbilixxietx li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni, meta ffissat ir-rata taż-żieda minħabba r-reċidiva għal 50 % tal-ammont bażiku tal-multa, ma kinitx kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

278 Għandu jingħad ukoll li l-fatt li, fid-deċiżjoni kontenzjua, il-Kummissjoni naqqset b' 50 % l-ammont bażiku tal-multa, fid-dawl tat-tul tal-proċedura, filwaqt li applikat rata ta' żieda tal-multa minħabba r-reċidiva, ma juri ebda kontradizzjoni, peress li dawn iż-żewġ elementi huma indipendenti minn xulxin.

279 Fl-aħħar nett, l-appellanti, billi tafferma li żieda fil-multa minħabba r-reċidiva ma tistax taqbeż l-ammont tal-multa, ma tesponi ebda regola ġuridika insostenn ta' din l-affermazzjoni, u twettaq kalkolu li mhux biss jirriżulta li huwa żbaljat, iżda tibbaża wkoll fuq sitwazzjoni ipotetika.

280 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tieni parti tas-seba' għandha tiġi miċħuda u, konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu bħala infondat.

Fuq it-tmien aggravju

L-argumenti tal-partijiet

281 It-tmien aggravju jinkludi żewġ partijiet.

282 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 611 sa 628 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi applikat fil-konfront tagħha tnaqqis tal-ammont tal-multa proporzjonalment iżgħar minn dak mogħti lil Riva.

283 Skont l-appellanti, mid-deċiżjoni kontenzjua jirriżulta li Riva, li pparteċipat fl-akkordju kopert minn din id-deċiżjoni matul total ta' għaxar snin u sitt xhur, ibbenefikat minn tnaqqis ta' 3 % tal-ammont tal-multa minħabba l-interruzzjoni tal-parteċipazzjoni tagħha, matul sena, fil-parti ta' dan l-akkordju relatata mal-limitazzjoni u mal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Min-naħa l-oħra, l-appellanti, li pparteċipat fl-akkordju matul seba' snin, ibbenefikat minn tnaqqis ta' 6 % għat-tliet snin li matulhom hija ma pparteċipatx f'din il-parti tal-akkordju, jiġifieri tnaqqis ta' 2 % biss għal kull waħda minn dawn is-snin.

284 Permezz tat-tieni parti tat-tmien aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkonstata t-tardività tar-raġunijiet imressqa mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika l-għażla tagħha li tapplika tnaqqis ta' multa differenti għal aġir identiku.

285 Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-argument huwa inammissibbli. L-appellanti essenzjalment sempliċement tirrepeti l-argumenti mressqa fl-ewwel istanza. B'hekk hija tipprova tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza. L-argument tar-rikorrenti huwa, fi kwalunkwe każ, manifestament infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

286 Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, iż-żewġ partijiet tat-tmien aggravju, sa fejn dawn jirrigwardaw żbalji ta' liġi allegatament imwettqa mill-Qorti Ġenerali, huma ammissibbli.

287 Fir-rigward tal-ewwel parti, għadu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbili fl-Artikolu 20 tal-Karta, jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament

ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tal-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punti 65 u 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

288 F'dan il-każ, mis-sentenza appellata jirriżulta li, fid-deċiżjoni kontenzjua, il-Kummissjoni kkonstatat, minn naħa, li kemm l-appellanti kif ukoll Riva kienu pparteċipaw fl-akkordju kopert minn din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, li dawn iż-żewġ impriżi ma kinux ipparteċipaw f'ċertu parti ta' dan l-akkordju, l-appellanti għal tliet snin u Riva għal sena.

289 Kif il-Qorti Ġenerali fakkret fil-punt 613 tas-sentenza appellata, għall-kalkolu tal-multi imposti fuq l-impriżi li pparteċipaw f'akkordju, trattament differenti bejn l-impriżi kkonċernati huwa għaldaqstant inerenti għall-eżerċizzju tas-setgħat li għandha l-Kummissjoni fil-qasam. Fil-fatt, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni hija msejħa tindividwalizza s-sanzjoni skont l-aġir u l-karatteristiċi ta' kull waħda minn dawn l-impriżi, u dan sabiex tiggarantixxi, f'kull każ ineżami, l-effikaċja tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Versalis vs Il-Kummissjoni, C-511/11 P, EU:C:2013:386, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

290 Mill-punti 615 sa 617 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Kummissjoni ġġustifikat id-differenza bejn ir-rati rispettivi ta' tnaqqis bin-neċessità li jitqies it-tnaqqis mogħti minħabba n-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'parti tal-akkordju skont it-tul tal-parteċipazzjoni globali ta' kull waħda mill-impriżi fl-akkordju kollu. Il-parteċipazzjoni tal-appellanti u ta' Riva fl-akkordju kollu kien fattur importanti li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni taċ-ċirkustanza attenwanti inkwistjoni. Issa, peress li l-parteċipazzjoni globali fl-akkordju kienet itwal għal Riva, l-effett tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha f'din il-parti tal-akkordju kien iktar importanti.

291 B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 622 tas-sentenza appellata, li, sabiex tiddetermina t-tnaqqis li għandu jingħata lil Riva, il-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' dawn iż-żewġ impriżi fil-ksur, konformement mar-rekwiżit ta' individwalità tal-multi mfakkar fil-punt 289 ta' din is-sentenza. B'hekk, hija kienet ikkunsidrat li peress li l-parteċipazzjoni globali fl-akkordju ta' Riva kienet itwal minn dik tal-appellanti, hija kienet neċessarjament iktar gravi u li l-effett tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha f'ċerta parti tal-akkordju kien iktar u iktar importanti.

292 Meta ddeċidiet, fil-punt 323 tas-sentenza appellata, li dan l-approċċ kien konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

293 Fil-fatt, huwa paċifiku li l-Kummissjoni tat tnaqqis ta' 2 % fis-sena lill-appellanti, fir-rigward tal-perijodu li matulu hija ma pparteċipatx fil-parti tal-akkordju inkwistjoni, filwaqt li t-tnaqqis kien ta' 3 % għal Riva.

294 Huwa minnu li, fl-assenza ta' elementi oħra li jippermettu li ssir distinzjoni bejn il-parteċipazzjoni ta' dawn iż-żewġ impriżi f'dan l-akkordju, il-fatt li Riva pparteċipat fl-imsemmi akkordju matul għaxar snin u sitt xhur kien ifisser li din il-parteċipazzjoni kellha effett fuq il-kompetizzjoni iktar gravi minn dik tal-appellanti, li pparteċipat fih biss għal seba' snin. Madankollu, din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi estiża għall-perijodi li matulhom l-impriżi ma pparteċipawx f'ċerta parti ta' dan l-akkordju, peress li n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħhom f'din il-parti kellu, bħala prinċipju, l-istess effett fuq il-kompetizzjoni.

295 Ċertament, huwa possibbli li t-tnaqqis mogħti jingħata minħabba n-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'parti tal-akkordju skont it-tul totali tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda mill-impriżi f'dan l-akkordju. Madankollu, f'dan il-każ, l-apellanti, matul tliet snin, li kienet tirrappreżenta kważi nofs il-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi akkordju, ma pparteċipatx f'din il-parti, filwaqt li Riva, matul l-għaxar snin u sitt xhur tal-parteċipazzjoni tagħha fl-istess akkordju, kienet naqset milli tipparteċipa f'din il-parti għal sena biss.

296 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu għalhekk jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ttrattat sitwazzjonijiet paragunabbli b'mod differenti, mingħajr ma pprovdiet ġustifikazzjoni valida għal din id-differenza fit-trattament.

297 Isegwi li l-ewwel parti tat-tmien aggravju għandha tintlaqa'. Għaldaqstant, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni parti ta' dan l-aggravju.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

298 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija b'hekk tista' tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

299 F'dan il-każ, hemm lok għall-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi definittivament il-kawża, li hija fi stat li tiġi deċiża.

300 Mill-punti 286 sa 297 ta' din is-sentenza jirriżulta li d-deċiżjoni kontenzjuża ma hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, sa fejn din tat lill-appellanti tnaqqis ta' 2 % fis-sena mill-ammont tal-multa, għal perijodu li matulu hija ma pparteċipatx f'parti tal-akkordju inkwistjoni, filwaqt li hija tat, għall-istess kunsiderazzjonijiet, tnaqqis ta' 3 % lil Riva. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-illegalità tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija tista', fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-Kummissjoni u, konsegwentement, tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa. Din il-ġurisdizzjoni hija eżerċitata b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali kollha (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li r-rata ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa ta' 3 % fis-sena għandha tiġi applikata wkoll għall-appellanti.

301 Minn dan isegwi li l-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti fid-deċiżjoni kongtenzjuża ffissat għal EUR 2 165 000.

Fuq l-ispejjeż

302 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż

303 Skont l-Artikolu 138(3) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell abbażi tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament wieħed jew iktar mill-kapijiet, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

304 Peress li li l-appellanti u l-Kummissjoni tilfu f'waħda jew iktar mill-kapijiet tat-talba tagħhom, huma għandhom ibatu l-ispejjeż proprji tagħhom marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza u tal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-punt 1 tad-dispoittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Novembru 2022, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-667/19, EU:T:2022:692), huwa annullat sa fejn dan ċaħad l-ilmenti tad-disa' motiv tal-ewwel istanza ta' Ferriere Nord SpA ibba/ati fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.

3) l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4969 final tal-4 ta' Lulju 2019 dwar ksur tal-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ AT.37956 – Vireg li jirrinforzaw il-konkrit), hija annullata.

4) L-ammont tal-multa imposta fuq Ferriere Nord SpA, fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni C(2019) 4969 final huwa stabbilit għas-somma ta' EUR 2 165 000.

5) Ferriere Nord SpA u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u fl-appell.

Firem